Nru./No. 21,360
Prezz/Price
€5.04

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ħamis, 12 ta' Diċembru, 2024
Thursday, 12th December, 2024

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 29,629 - 29,630
Government Notices ..... *29,629 - 29,630*

Avviżi tal-Pulizija 29,631
Police Notices *29,631*

Avviżi lill-Baħħara 29,632
Notices to Mariners *29,632*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 29,633 - 29,709
Employment Opportunities ..... *29,633 - 29,709*

Avviżi tal-Gvern ..... 29,710 - 29,712
Notices ..... *29,710 - 29,712*

Offerti ..... 29,712 - 29,717
Tenders ..... *29,712 - 29,717*

Avviżi tal-Qorti ..... 29,717 - 29,736
Court Notices ..... *29,717 - 29,736*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1754

MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI

Ħatra tal-Bord tal-Aġenzija dwar is-Suq tal-Proprjetà

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, skont l-artikolu 4 tal-Att dwar l-Aġenzija dwar is-Suq tal-Proprjetà (Kap. 644), il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni ħatar il-Bord tal-Aġenzija dwar is-Suq tal-Proprjetà kif ġej:

Chairperson
Id-Dott. Ian Borg

Deputy Chairperson
Id-Dott. Ramona Attard

Membri
Il-Prof Saviour Formosa
Is-Sur Ray Pellicano
Is-Sur Thomas Agius
Id-Dott. Tracy Cauchi
Is-Sur Clinton Caruana
Is-Sur Salvu Borg
Is-Sur Noel Mifsud

Segretarju
Is-Sur Michael Ferry

Dawn il-ħatriet huma validi għal perjodu ta' tliet (3) snin b'effett mill-5 ta' Diċembru, 2024.

It-12 ta' Diċembru, 2024

Nru. 1755

AĠENZIJA DWAR IS-SUQ TAL-PROPRJETÀ (KAP. 644)

Xoljiment tal-Bord tal-Ħruġ ta' Liċenzji

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, il-mandat tal-Bord tal-Ħruġ ta' Liċenzji se jiġi trasferit għall-Att dwar l-Aġenzija dwar is-Suq tal-Proprjetà (Kap. 644). Konsegwentement, il-Bord tal-Ħruġ ta' Liċenzji se jiġi xolt mill-4 ta' Diċembru, 2024.

It-12 ta' Diċembru, 2024

GOVERNMENT NOTICES

No. 1754

MINISTER FOR JUSTICE AND REFORM OF THE CONSTRUCTION SECTOR

Appointment of the Property Market Agency Board

IT is hereby notified for general information that, in accordance with article 4 of the Property Market Agency Act (Cap. 644), the Minister for Justice and Reform of the Construction Sector has appointed the Property Market Agency Board as follows:

Chairperson
Dr Ian Borg

Deputy Chairperson
Dr Ramona Attard

Members
Prof Saviour Formosa
Mr Ray Pellicano
Mr Thomas Agius
Dr Tracy Cauchi
Mr Clinton Caruana
Mr Salvu Borg
Mr Noel Mifsud

Secretary
Mr Michael Ferry

These appointments are effective for a period of three (3) years as from 5th December, 2024.

12th December, 2024

No. 1755

PROPERTY MARKET AGENCY ACT (CAP. 644)

Dissolution of the Real Estate Licensing Board

IT is hereby notified for general information that, the remit of the Real Estate Licensing Board will now be transferred to the Property Market Agency Act (Cap. 644). Consequently, the Real Estate Licensing Board will be dissolved as from 4th December, 2024.

12th December, 2024

Nru. 1756

ATT DWAR IL-PERITI
(KAP. 390)

Ħatra tal-Bord tal-Warrant tal-Periti

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija skont l-Artikolu 6 tal-Att dwar il-Periti (Kap. 390), il-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Xogħlijiet Pubbliċi wara konsultazzjoni mal-Kamra tal-Periti ħatar fuq il-Bord tal-Warrant tal-Periti lill-Perit Inġinier Ċivili David Mifsud Parker.

Il-ħatra tal-Perit Inġinier Ċivili David Mifsud Parker hija effettiva mill-14 ta' Novembru, 2024 għal perjodu ta' sentejn.

NGĦARRFU wkoll illi skont l-Artikolu 6 tal-Att dwar il-Periti (Kap. 390), il-Kamra tal-Periti għamlet dawn il- ħatriet fuq il-Bord tal-Warrant tal-Periti:

Membri
Perit Arkitett Anthony Bezzina
Perit Inġinier Ċivili Catherine Galea

Il-ħatra tal-Perit Arkitett Anthony Bezzina hija effettiva mill-25 ta' Novembru, 2024 sat-30 ta' Ottubru, 2026.

Il-ħatra tal-Perit Inġinier Ċivili Catherine Galea, li qed tinħatar minflok il-Profs. Alex Torpiano, hija effettiva mill-25 ta' Novembru, 2024 sas-27 ta' Frar, 2026.

Din in-Notifikazzjoni tal-Gvern qed tħassar dik ippubblikata bin-Nru. 1738 fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,358 tal-10 ta' Diċembru, 2024.

It-12 ta' Diċembru, 2024

No. 1756

PERITI ACT
(CAP. 390)

Appointment of the Periti Warranting Board

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by Article 6 of the Periti Act (Cap.390), the Minister for Transport, Infrastructure and Public Works, following consultation with the Kamra tal-Periti, has appointed Perit Inġinier Ċivili David Mifsud Parker to the Periti Warranting Board.

The appointment of Perit Inġinier Ċivili David Mifsud Parker is effective from the 14th November, 2024 for a period of two years.

IT is also being notified that in terms of Article 6 of the Periti Act (Cap. 390) the Kamra tal-Periti, has made the following appointments to the Periti Warranting Board:

Members
Perit Arkitett Anthony Bezzina
Perit Inġinier Ċivili Catherine Galea

The appointment of Perit Arkitett Anthony Bezzina is effective from the 25th November, 2024 to the 30th October, 2026.

The appointment of Perit Inġinier Ċivili Catherine Galea, who is replacing Prof. Alex Torpiano, is effective from the 25th November, 2024 to the 27th February, 2026.

This Government Notice is superseding the one published with the No. 1738 in Government Gazette No. 21,358 of 10th December, 2024.

12th December, 2024

Nru. 1757

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI
(KAP. 12)

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Av. Nicholas Formosa, LLD u l-Av. Natassja Gouder, LLD, se jirriżenjaw mill-kariga bħala Kuraturi Uffiċjali u Avukati għall-Għajnuna Legali (Malta) b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 2025.

L-10 ta' Diċembru, 2024
LAM 73/2023

No. 1757

CODE OF ORGANISATION AND CIVIL PROCEDURE
(CAP. 12)

IT is notified for general information that Dr Nicholas Formosa LLD and Dr Natassja Gouder, LLD, shall be resigning from Official Curators and Advocates for Legal Aid (Malta) with effect from 1st January, 2025.

10th December, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 275

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Birkirkara

Nhar il-Ħamis, 19 ta' Diċembru, 2024 mill-4.15 p.m. sas-6.45 p.m., minn Triq l-Imsida, Triq Sqaq l-Ibgħal, Triq Injazju Sciberras Psaila, Triq il-Gazzija, Triq il-Pont, Triq il-Qasab u Triq Dun Filippu Borg.

Nhar it-Tlieta, 24 ta' Diċembru, 2024 mill-5.30 p.m. sat-7.45 p.m. minn Triq il-Vlontin, Triq l-1 ta' Mejju, Triq Notabile, Triq il-Passju, Triq Fleur-De-Lys, Trejqet Fleur-De-Lys, Triq Borg, Triq Patri A. Cuschieri u Triq Sant'Elija.

Għeluq se jsir skont il-bżonn u m'hemmx bżonn devjazzjoni għat-trasport pubbliku.

Ħal Għaxaq

Nhar it-Tlieta, 24 ta' Diċembru, 2024 mill-4.00 p.m. sat-8.00 p.m., minn Triq San Bastjan quddiem il-mużew tas-subien, Triq San Ġorġ Preca, Triq San Filippu, Triq Santa Marija, Vjal il-Labour, Dawret Ħal Għaxaq (service road), Triq Santa Tereża, Triq Santa Marija u quddiem il-Knisja Parrokkjali.

Trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Iż-Żejtun

Nhar it-Tlieta, 24 ta' Diċembru, 2024 mill-4.30 p.m. sat-7.45 p.m., purċissjoni mill-mużew tas-subien, Triq il-Kostituzzjoni, Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill, Misraħ Gregorio Bonnici, Misraħ ir-Repubblika, Triq San Girgor, Triq Connaught, Triq Santa Fawstina, Triq il-Ħerba u l-knisja parrokkjali.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat sakemm tgħaddi l-purċissjoni.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-12 ta' Diċembru, 2024

POLICE NOTICE

No. 275

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Birkirkara

On Thursday, 19th December, 2024 from 4.15 p.m. to 6.45 p.m., through Triq l-Imsida, Triq Sqaq l-Ibgħal, Triq Injazju Sciberras Psaila, Triq il-Gazzija, Triq il-Pont, Triq il-Qasab and Triq Dun Filippu Borg.

On Tuesday, 24th December, 2024 from 5.30 p.m. to 7.45 p.m. through Triq il-Vlontin, Triq l-1 ta' Mejju, Triq Notabile, Triq il-Passju, Triq Fleur-De-Lys, Trejqet Fleur-De-Lys, Triq Borg, Triq Patri A. Cuschieri and Triq Sant'Elija.

Closures will be as required and no diversion needed for public transport.

Ħal Għaxaq

On Tuesday, 24th December, 2024 from 4.00 p.m. to 8.00 p.m., through Triq San Bastjan in front of Boys' Museum, Triq San Ġorġ Preca, Triq San Filippu, Triq Santa Marija, Vjal il-Labour, Dawret Ħal Ghaxaq (service road), Triq Santa Tereża, Triq Santa Marija and in front of Parish church.

Public transport will not be affected.

Żejtun

On Tuesday, 24th December, 2024 from 4.30 p.m. to 7.45 p.m., a procession through the Boys' Museum, Triq il-Kostituzzjoni, Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill, Misraħ Gregorio Bonnici, Misraħ ir-Repubblika, Triq San Girgor, Triq Connaught, Triq Santa Fawstina, Triq il-Ħerba and the parish church.

Public transport will be affected till the passing by of the procession.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

12th December, 2024

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 29 tal-2024

Side Scan Sonar u Batymetric Survey Barra l-Ibħra Territorjali Maltin

Id-Direttorat tal-Portijiet u tal-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara li se jsir Side Scan Sonar u Bathymetric survey fuq il-Maltese Continental Shelf iżda barra l-Ibħra Territorjali Maltin.

L-istħarriġ se jsir mis-survey vessel 'Sea Express' fiż-żoni ffurmati billi jingħaqdu l-punti li ġejjin:

Latitudni (T)	*Lonġitudni (L)*
35º 55'.790	014º 49'.332
35º 55'.790	014º 49'.492
35º 55'.682	014º 49'.492
35º 55'.682	014º 49'.332

L-istħarriġ ta' jumejn se jsir fi kwalunkwe ġurnata bejn l- Erbgħa, 11 ta' Diċembru, 2024 u t-Tnejn, 16 ta' Diċembru, 2024, skont il-kundizzjonijiet tat-temp.

L-istħarriġ se jsir bl-użu ta' side scan sonar u echo sounder b'multibeam li se jagħmel lis-survey vessel 'Sea Express' ristretta fil-kapaċità li timmanuvra.

Is-survey vessel għandu juri d-dwal xierqa u s-sinjali skond ir- Regulations for the Prevention of Collisions at sea. 1972 (COLREGS) u mal-International Code of Signals.

Il-baħħara u l-operaturi tal-inġenji tal-baħar huma avżati biex joqgħodu attenti ħafna u jipproċedu b'kawtela waqt li jkunu qed jinnavigaw fiż-żona ta' hawn fuq. Għandhom jagħtu lis-survey vessel 'Sea Express' irmiġġ wiesa' ta' mill-inqas 200m.

Barra minn hekk, huma mitluba jikkonformaw mal-istruzzjonijiet mogħtija minn Malta VTS fuq VHF Channel 69.

Ċart affettwata: BA 2124, 2123,194

Pożizzjonijiet riferiti lil WGS 84 DATUM

It-12 ta' Diċembru, 2024

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 29 of 2024

Side Scan Sonar and Bathymetric Survey Outside Maltese Territorial Waters

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that a Side Scan Sonar and Bathymetric survey will be carried out on the Maltese Continental Shelf but outside Maltese Territorial Waters.

The survey will be carried out by the survey vessel 'Sea Express' within the areas formed by joining the following points:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35º 55'.790	014º 49'.332
35º 55'.790	014º 49'.492
35º 55'.682	014º 49'.492
35º 55'.682	014º 49'.332

The two-day survey will be held on any days between Wednesday, 11th December, 2024 and Monday, 16th December, 2024, depending on weather conditions.

The survey will be carried out using a side scan sonar and a multibeam echo sounder which will make the survey vessel 'Sea Express' restricted in her ability to manoeuvre.

The survey vessel shall exhibit the appropriate lights and shape signals in accordance with the Regulations for the Prevention of Collisions at sea. 1972 (COLREGS) and with the International Code of Signals.

Mariners and operators of sea craft are advised to keep a sharp lookout and proceed with caution while navigating in the above area. They are to give the survey vessel 'Sea Express' a wide berth of at least 200m.

Moreover, they are requested to comply with instructions given by Malta VTS on VHF channel 69.

Charts affected: BA 2124, 2123,194

Positions referred to WGS 84 DATUM.

12th December, 2024

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Pożizzjoni ta' Edukatur għall-Adulti fuq bażi part-time fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR) jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti interessati li l-ebda forma t'abbuż fuq it-tfal m'huwa tollerat. Fil-proċess tar-reklutaġġ, l-MEYR jimxi mal-Liġi Sussidjarja 327.546 (Regolamenti tal-2016 dwar ir-Reklutaġġ, Taħriġ Inizjali u Żvilupp Professjonali Kontinwu u Protezzjoni ta' Minorenni fl-Edukazzjoni Obbligatorja).

1.1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Edukatur għall-Adulti fuq bażi part-time fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, fuq perjodu definit fuq bażi part-time, kif u meta jkun meħtieġ.

1.2. L-applikanti jistgħu japplikaw għall-pożizzjoni ta' Edukatur għall-Adulti fuq bażi part-time f'wieħed jew aktar mis-suġġett/i/qasam/oqsma biex iservu f'Malta u f'Għawdex, li jidhru hawn taħt:

1. Tberfil

Tul tal-assignment u kundizzjonijiet

2.1. Persuna magħżula tiġi ingaġġata bħala Edukatur għall-Adulti fuq bażi part-time fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni. Dan l-ingaġġ ikun fuq bażi ta' kuntratt definit għal sena (1) jew anqas, li jista' jiġi mġedded għal perjodi oħra.

2.2. Il-pożizzjoni ta' Edukatur għall-Adulti fuq bażi part-time hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena (1).

2.3. Peress li din hi pożizzjoni marbuta ma' terminu ta' żmien fiss jew tkomplija ta' biċċa xogħol speċifika, għaldaqstant dan jikkostitwixxi raġuni oġġettiva, il-pożizzjoni ta' Edukatur għall-Adulti fuq bażi part-time hija skont ir-Regolament 7(4) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat "Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss".

2.4. L-Edukaturi għall-Adulti jistgħu jaħdmu fuq bażi part-time għal numru ta' siegħat fil-ġimgħa, liema numru ta' siegħat jiġi determinat qabel il-bidu tas-sena skont in-numru ta' applikanti li jkunu applikaw biex jattendu għall-korsijiet

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

Position of part-time Adult Educator in the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR) would like to remind all interested applicants that it has zero tolerance policy towards any form of child abuse. MEYR adheres to S.L. 327.546 (Recruitment, Initial Training and Continuous Professional Development of Personnel and Protection of Minors in Compulsory Education Regulations 2016) in its recruitment process.

1.1. The Permanent Secretary, Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR) invites applications for the position of part-time Adult Educator in the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation, for a definite period on a part-time basis, as and when required.

1.2. Applicants may wish to apply for the position of part-time Adult Educator in one or more of the following subject/s/area/s to serve in Malta and Gozo:

1. Traditional Maltese hand painted lettering and sign writing

Duration of assignment and Conditions

2.1. Selected candidate will be engaged as a part-time Adult Educator in the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation. The engagement will be on a definite basis for one (1) year or less, which may be renewed for further periods.

2.2. The position of part-time Adult Educator is subject to a probation of one (1) year.

2.3. Since this is a position which is time-barred or linked to the completion of a specific task, such constitutes an objective reason, the position of part-time Adult Educator falls under Regulation 7(4) of Subsidiary Legislation 452.81 entitled "Contracts of Service for a Fixed Term Regulations".

2.4. Adult Educators may work on a part-time basis for a number of hours per week which will be determined prior to the beginning of the year depending on the number of applicants who would have applied to attend adult learning

għall-adulti u/jew l'esiġenzi oħra li jistgħu jinqalgħu/jinbidlu minn żmien għal żmien.

2.5. Il-proviżjonijiet relatati dwar il-benefiċċji u entitlements skont kif imniżżla fil-Public Service Management Code bħal vacation leave u leave tal-mard, fil-każ ta' part-timers, huma fuq bażi pro rata. Il-vacation leave jrid jittieħed matul il-btajjel stipulati mid-Direttorat.

2.6. Il-ġranet, il-ħinijiet u l-btajjel tal-kors ikunu kif stabbilit mid-Direttorat.

2.7. Id-Direttorat għall-Lifelong Learning and Employability (DLE) fi ħdan MEYR joffri ħafna korsijiet, f'ħinijiet differenti tal-ġurnata, mit-Tnejn sas-Sibt, u f'postijiet differenti f'Malta u Għawdex u wkoll online. Skedi ta' ħinijiet differenti ta' korsijiet għall-adulti japplikaw biex jiżguraw li l-bżonnijiet kollha ta' min qed jitgħallem jintlaħqu.

2.8. Biex din il-pożizzjoni tiġġedded, l-Edukaturi għall-Adulti fuq bażi part-time kollha ingaġġati huma mistennija jattendu sessjonijiet u laqgħat ta' żvilupp professjonali.

2.9. Edukaturi għall-Adulti fuq bażi part-time huma mistennija li jużaw il-laptops tagħhom stess għat-tħejjija u t-twassil tal-kompiti assenjati tagħhom.

2.10. L-edukaturi jistgħu jintalbu jgħallmu lill-adulti wiċċ imb wiċċ onlajn permezz ta' għodod ta' vidjokonferenzi (Microsoft Teams) jew permezz tal-Learning Box.

2.11. Il-kandidati magħżula għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post/pożizzjoni li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, li għandu jiġi sottomess mill-persuna magħżula fi żmien ġimgħa (1) mid-data tan-notifika tal-ħatra.

2.12. Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16, dwar il-'Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta' Kunflitti ta' Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika', maħruġ mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta' Novembru, 2023 u li daħal fi-seħħ fl-1 ta' Frar, 2024, il-Bord tal-Għażla se jivvaluta l-impjiegi preċedenti tal-kandidati biex jevalwa l-kunflitti ta' interess potenzjali. F'dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu CV kompletament aġġornat, inkluż il-kwalifiki u l-istorja tal-impjieg mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali nnutata għandha tiġi rrappurtata lis-Segretarju Permanenti rispettiv biex jiġi żgurat li, jekk il-kandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta' interess ikunu mmaniġġjati b'mod xieraq.

courses and/or any exigencies which may arise/change from time to time.

2.5. The provisions relating to benefits and entitlements described in the Public Service Management Code such as vacation and sick leave are in the case of part-timers applicable on a pro-rata basis. Vacation leave is to be availed of during the holidays stipulated by the Directorate.

2.6. Course days, hours and holidays shall be as established by the Directorate.

2.7. Directorate for Lifelong Learning and Employability (DLE) within MEYR offers several courses, at different times of the day, from Mondays to Saturdays, and at different venues in Malta and Gozo and also online. Different time schedules for adult learning courses apply to ensure that all learner needs are met.

2.8. For this position to be renewed, all engaged part-time Adult Educators are expected to attend professional development sessions and meetings.

2.9. Part-time Adult Educators are expected to use their own laptops for the preparation and delivery of their assigned tasks.

2.10. Educators may be requested to teach adults face-to-face online through video conferencing tools (Microsoft Teams) or through Learning Box.

2.11. Selected candidates must be of conduct which is appropriate to the post/position applied for. Prior to appointment, selected candidates from outside the Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications, which should be submitted by the selected candidate within one (1) week from the date of the notification of appointment.

2.12. In terms of the requirements emanating from Directive 16, regarding the "Governing Framework for Preventing and Managing Conflicts of Interest in the Public Administration", issued by the Principal Permanent Secretary on 27th November, 2023 and which came into force on 1st February, 2024, the Selection Board will assess candidates' previous employments to assess potential conflicts of interest. In this respect, candidates are to provide a completely updated CV, including qualifications and employment history with their application. Any potential conflict of interest matters noted will be reported to the respective Permanent Secretary, to ensure that should the candidate be recruited, such conflicts of interest would be appropriately managed.

Barra minn hekk, il-kandidati magħżula għandhom jirrappurtaw kwalunke kunflitt ta' interess magħruf, attwali, potenzjali jew apparenti qabel ma jaċċettaw ħatra, permezz tad-Dikjarazzjoni preskritta disponibbli fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)).

Salarju marbut mal-pożizzjoni

3. Edukatur għall-Adulti fuq bażi part-time jitħallas bir-rata ta' €20.00 fis-siegħa, skont in-numru ta' lezzjonijiet/xogħol assenjat flimkien ma bonuses pro-rata (ta' nofs is-sena u tal-Milied) u d-dħul supplimentari. Il-ħlas ikopri kemm il-ħin għall-preparazzjoni, korrezzjonijiet, valutazzjoni, żamma tar-rekords, feedback, laqgħat mal-maniġment, ħin ta' kuntatt fil-klassijiet tal-edukazzjoni għall-adulti, u kwalunkwe dmir ieħor relatat. M'hemm l-ebda rimborż addizzjonali għall-ivvjaġġar lejn u mill-post.

Dmirijiet

4. Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' Edukatur għall-Adulti fuq Bażi Part-Time jinkludu:

i. jgħallem is-suġġett/i assenjat/i skont il-livell li jrid jintlaħaq kif ippubblikat fil-Prospett maħruġ mid-Direttorat;

ii. jiffamiljarizza nnifsu mal-filosofija tad-Direttorat u jagħti sehem fil-kunċett ta' żvilupp fir-rigward ta' provvista ta' servizz u opportunitajiet oħra ta' tagħlim tul il-ħajja;

iii. jassisti fl-implimentazzjoni tal-programm/i u fir-reviżjoni tal-istess programm/i permezz ta' statistika, rekord tax-xogħol, u informazzjoni oħra meħtieġa relatata ma ħidma maħtura;

iv. jipparteċipa b'mod attiv f'taħriġ kontinwu u ppjanar organizzat mill-Iskola/Ċentru fi ħdan id-Direttorat;

v. jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-korsijiet billi jaħdem qrib l-Management u l-Koordinatur għall-Edukazzjoni għall-Adulti fl-iżvilupp tar-riżultati ta' tagħlim tal-kors, tar-riżorsi u tal-għodda ta' assessjar;

vi. jaħdem mill-qrib tal-Management u l-Koordinatur għall-Edukazzjoni għall-Adulti sabiex jiżviluppaw u jimplimentaw mezzi effettivi li jimmotivaw u jgħinu lill-adulti biex ikomplu jitgħallmu tul ħajjithom;

vii. jassisti lill-Management u l-Koordinatur għall-Edukazzjoni għall-Adulti fi programm ta' riċerka, implimentazzjoni u evalwazzjoni;

Moreover, selected candidates are to report any known actual, potential or apparent conflicts of interest prior to accepting an appointment, through the prescribed Declaration available at Appendix 1 to Directive 16 (available from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)).

Salary pegged to the position

3. A part-time Adult Educator shall be paid at the rate of €20.00 per hour according to the number of lessons/work assigned plus pro-rata bonuses (mid-year and Christmas) and income supplement. The remuneration is inclusive of preparation, correction, assessment, record-keeping, feedback, meetings with management, contact time in the adult education classes, and any other related duties. There is no additional reimbursement for travel to and from the venue.

Duties

4. The job duties for the position of part-time Adult Educator include:

i. teaches subject/s assigned based on the learning outcomes as published in the Prospectus of the Directorate;

ii. familiarises oneself with the philosophy of the Directorate and assists in its conceptual development with regards to service provision and other Lifelong Learning opportunities;

iii. assists in programme implementation and reviews by provide necessary statistics, record of work and other information requested related to appointed tasks;

iv. actively participates in on-going training and planning opportunities organised by the School/Centre within the Directorate;

v. contributes to the development of courses by working closely with the Management and Adult Education Coordinator in developing the learning outcomes of the course, resources and assessment tools;

vi. works closely with the Management and Adult Education Coordinator in developing and implementing effective approaches to motivate and support adults to become lifelong learners;

vii. assists Management and Adult Education Coordinator in programme research, implementation and review;

viii. josserva prattiċi tax-xogħol stabbiliti filwaqt li jikkontribwixxi fl-iżvilupp kontinwu tagħhom;

ix. jieħu sehem attiv fil-proċess ta' assessjar kontinwu għall-adulti li qegħdin jitgħallmu u jżomm rekord tax-xogħol professjonali li jkun qed isir;

x. jaħdem mill-qrib t'edukaturi oħra għall-adulti involuti fit-tagħlim ta' korsijiet simili sabiex jinstabu mezzi effetivi biex:

i. jimmobilizza l-punti pożittivi, l-potenzjal, u l-kompetenza tal-adulti li qed jitgħallmu;

ii. jippermetti li l-adulti li qed jitgħallmu jidentifikaw u jissodisfaw ħtiġijiet ta' tagħlim tagħhom;

iii. jiżgura standardizzazzjoni u assigurazzjoni ta'kwalità fit-tagħlim;

xi. jgħin lill-adulti li qed jitgħallmu fil-proċess tal-vjaġġ tagħhom ta' tagħlim tul il-ħajja sabiex jibbenifikaw sew huma bħala individwi u b'mod kollettiv bħala ċittadini;

xii. jieħu ħsieb li tagħmir disponibbli fl-iskola/ċentru jinżamm fi stat tajjeb;

xiii. jwettaq dmirijiet oħra li jisgħu jiġu aġġornati biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kwalunkwe qasam ieħor kif ikkonfermat mis-Segretarju Permanenti;

xiv. kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ; u

xv. kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mis-sit: (https://lifelonglearning.gov.mt/) jew bit-telefown: 2598 0000 jew tikkuntatja lid-DLE fuq l-email: (lifelonglearning@gov.mt)

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet

viii. adheres to established working procedures while contributes to on-going development of such;

ix. takes an active part in the continuous assessment of adult learners and records outcomes of such professional intervention;

x. works closely with other adult educators involved in delivery of similar courses in order to identify effective modalities for:

i. mobilises the strengths, potential and expertise of adult learners;

ii. enables adult learners to identify and meet their learning needs;

iii. ensures standardisation and quality assurance of learning;

xi. engages adult learners in a process leading to an enhanced lifelong learning journey that benefits both themselves as individuals and collectively as citizens;

xii. cares for equipment available in the school/centre is maintained in good condition;

xiii. undertaking any other duties which may be updated to meet the requirements of any other area as confirmed by the Permanent Secretary;

xiv. undertaking any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required; and

xv. any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Further details may be obtained from the website: (https://lifelonglearning.gov.mt/) or by phone: 2598 0000 or contact DLE by email: (lifelonglearning@gov.mt)

Eligibility Requirements

5.1. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of the other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to

ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqlieq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.'

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u Ingliża; u

iii. fil-pussess ta' degree ta' Baċellerat rikonoxxuta fil-Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 ECTS/ECVET kretti jew ekwivalenti*) fis-suġġett/qasam li qed japplikaw għalih, jew kwalifika komparabbli. L-applikanti għandhom ukoll, ikollhom minimu ta' sena (1) esperjenza bħala Edukatur jew sena (1) ta' prattika professjonali/esperjenza ta' xogħol ippruvata fil-qasam applikat, jekk applikabbli;

iv. f'każ li ma jkunx hemm applikazzjonijiet minn uffiċjali eleġibbli skont il-paragrafu 5.1 (iii) hawn fuq u/jew fin-nuqqas li ma jkunx hemm numru biżżejjed ta' applikanti li jiksbu suċċess, l-eliġibbiltà tkun estiża wkoll għall-applikanti fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 5

employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007"; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the "Residence Status of United Kingdom National and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the Unite Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations".

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. able to communicate in the Maltese and English language; and

iii. in possession of a recognised Bachelor's degree at MQF level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credit or equivalent*), in the subject/area applied for or a comparable qualification. Applicants should also, have a minimum of one (1) year experience as an Educator or one (1) year proven professional practice/work experience in the area applied, if applicable;

iv. in the absence of applications from eligible applicants according to paragraph 5.1(iii) above and/or in the absence of a sufficient number of successful candidates, eligibility shall be extended to applicants in possession of a recognised qualification at MQF Level 5 (subject to a minimum of

tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 30 ECTS/ECVET krettu, jew ekwivalenti*) f'suġġett/qasam li qed japplikaw għalih, jew kwalifika komparabbli. L-applikanti għandhom ukoll, ikollhom minimu ta' sena (1) esperjenza bħala Edukatur jew tliet (3) snin ta' prattika professjonali/esperjenza ta' xogħol ippruvata fil-qasam applikat, jekk applikabbli;

v. f'każ li ma jkunx hemm applikazzjonijiet minn uffiċjali eleġibbli skont il-paragrafu 5.1 (iii) u (iv) hawn fuq u/jew fin-nuqqas li ma jkunx hemm numru biżżejjed ta' applikanti li jiksbu suċċess, l-eliġibbiltà tkun estiża wkoll għall-applikanti fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 4 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 120 ECTS/ECVET krettu, jew ekwivalenti fis-suġġett/qasam li qed japplikaw għalih, jew kwalifika komparabbli. L-applikanti għandhom ukoll, ikollhom minimu ta' sentejn (2) esperjenza bħala Edukatur jew erba' (4) snin ta' prattika professjonali/esperjenza ta' xogħol ippruvata fil-qasam applikat, jekk applikabbli;

vi. f'każ li ma jkunx hemm applikazzjonijiet minn applikanti eleġibbli skont il-paragrafu 5.1 (iii), (iv) u (v) hawn fuq u/jew fin-nuqqas li ma jkunx hemm numru biżżejjed ta' applikanti li jiksbu suċċess, l-eliġibbiltà għandha tiġi estiża għal applikanti li għandhom erba' (4) snin esperjenza bħala Edukaturi li jgħallmu l-qasam/suġġett li qed japplikaw għalih, jew sena (1) bħala għalliema full-time bil-warrant, jew ħames (5) snin ta' prattika professjonali/esperjenza ta' xogħol fil-qasam li għaliha saret l-applikazzjoni.

*Kwalifika rikonoxxuta komparabbli ma' 30/120/180 ECTS/ECVET krettu, hekk kif applikabbli hija aċċetta biss suġġetti għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anki jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le.

5.2. (i) Kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 5.1 jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf) xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika fi żmien sena mid-data tal-ħatra tagħhom. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

(ii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn

30 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in the subject/area applied for or a comparable qualification. Applicants should also, have a minimum of one (1) year experience as an Educator or three (3) years proven professional practice/work experience in the area applied, if applicable;

v. In the absence of applications from eligible applicants according to paragraph 5.1(iii) and (iv) above and/or in the absence of a sufficient number of successful candidates, eligibility shall be extended to applicants in possession of a recognised qualification at MQF Level 4 (subject to a minimum of 120 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in the subject/area applied for or a comparable qualification. Applicants should also, have a minimum of two (2) years experience as an Educator or four (4) years proven professional practice/work experience in the area applied, if applicable;

vi. In the absence of applications from eligible applicants according to paragraph 5.1(iii), (iv) and (v) above and/or in the absence of a sufficient number of successful candidates, eligibility shall be extended to applicants who have four (4) years experience as an Educator teaching the subject/area applied for, or one (1) year as full-time warranted teacher, or five (5) years of professional practice/work experience in the area applied for.

*A recognised Qualification comparable to 30/120/180 ECTS/ECVET credits, as applicable is only accepted subject to a MQRIC formal recognition statement being submitted with the application.

Public Officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not.

5.2. (i) Candidates who have not yet formally obtained or are not yet approved for the qualification specified in paragraph 5.1 or else as indicated in paragraph 3.1 of the general provisions (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification within one year of their appointment date. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

(ii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than

dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għal applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnotaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

6.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/trankrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal tal-Edukazzjoni fuq (https://edurecruitment.gov.mt).

6.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

7.1. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%. Waqt l-intervista, l-applikanti għandhom jippreżentaw skema ta' kampjun ta' xogħol u/jew pjan ta' lezzjonijiet u kwalunkwe materjal u riżorsi rilevanti relatati mas-suġġett/qasam li applikaw għalih, li jiġu evalwati u kklassifikati kif xieraq. Barra minn hekk, għas-suġġetti tal-VET, l-applikanti huma mistennija jippreżentaw portafoll ta' xogħol.

7.2. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 5.1 – 5.2, għandhom Warrant Permanenti ta' Għalliem u/jew kwalifika ta' taħriġ għall-għalliema u/jew esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

7.3. Kandidat magħżul li japplika skont it-termini ta' paragrafi 5.1(iii) t'hawn fuq, jitqiegħed f'ordni tal-mertu msejħa Kategorija A. Dawk li jkunu qed japplikaw skont termini ta' paragrafi 5.1(iv) jitqiegħdu f'ordni tal-mertu msejħa Kategorija B u dawk li jkunu qed japplikaw skont it-termini ta' paragrafi 5.1(v) jitqiegħdu f'ordni tal-mertu msejħa Kategorija Ċ, u dawk li jkunu qed japplikaw skont it-termini ta' paragrafi 5.1(vi) jitqiegħdu f'ordni tal-mertu msejħa Kategorija D.

7.4. Il-kandidati magħżulin, li japplikaw skont it-termini ta' paragrafi 5.1(iii) t'hawn fuq, jingħataw preferenza fuq kandidati magħżulin li japplikaw skont it-termini ta' paragrafi 5.1 (iv) t'hawn fuq u dawn tal-aħħar, fil-każ tagħhom, jingħataw preferenza fuq applikanti magħżulin li japplikaw skont termini ta' paragrafi 5.1(v) hawn fuq u dawn tal-aħħar, fil-każ tagħhom, jingħataw preferenza fuq applikanti

that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date the call for applications. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documents

6.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Education Recruitment Portal on (https://edurecruitment.gov.mt).

6.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedure

7.1. Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the position. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%. During the interview applicants are to present a sample scheme of work and/or lesson plan and any relevant materials and resources related to the subject area applied for, which will be duly assessed and graded. In addition, for VET subjects, applicants are expected to present a portfolio of work.

7.2. Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 5.1 to 5.2, have a Teacher's Permanent Warrant and/or teacher training qualification and/or proven relevant work experience.

7.3. A successful candidate who applies in terms of paragraphs 5.1(iii) above, will be put on an order of merit list named Category A. Those applying in terms of paragraphs 5.1(iv) will be put on an order of merit list named Category B and those applying in terms of paragraphs 5.1(v) will be put on an order of merit list named Category C, and those applying in terms of paragraphs 5.1(vi) will be put on an order of merit list named Category D.

7.4. Successful candidates who apply in terms of paragraphs 5.1(iii) above, will be given preference over successful candidates who apply in terms of paragraphs 5.1(iv) above and these in turn be given preference over successful applicants who apply in terms of paragraphs 5.1(v) above and these in turn be given preference over successful applicants who apply in terms of paragraphs

magħżulin li japplikaw skont termini ta' paragrafi 5.1(vi) hawn fuq. B'hekk, l-applikanti li japplikaw taħt paragrafi 5.1(iv), (v) u (vi) jiġu kkunsidrati biss la darba l-ordni tal-mertu ta' Kategorija A li hemm referenza għaliha f'paragrafu 7.3, tkun ġiet eżawrita u jekk ikun fadal xi postijiet vakanti.

7.5. B'hekk, listi ta' riżultati separati jiġu ppubblikati skont l-ordni tal-mertu tas-suġġett/qasam msemmi f'paragrafu 1.2 hawn fuq, u skont sezzjoni 5.1, u paragrafi 7.3 u 7.4. Il-lista tar-riżultati tibqa' valida għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni jew sakemm il-lista tar-riżultati tkun eżawrita, liema waħda minn dawn tkun l-ewwel.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

8.1. L-applikanti jistgħu japplikaw għal aktar minn waħda mill-għażliet msemmija f'paragrafu 1.2 hawn fuq, billi japplikaw separatament għal kull suġġett/qasam. Madankollu, hija l-prerogattiva tal-MEYR li jagħżel liema suġġett/i joffri lill-kandidati magħżulin, skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta u l-MEYR. L-applikant għandu jindika wkoll fil-Curriculum Vitae tiegħu is-suġġett/ qasam u l-livelli ta' tagħlim (MQF 1, MQF 2, SEC, Avvanzat, Eċċ) hu/hija lest li jgħallem. Għandhom jindikaw ukoll jekk humiex disponibbli biex jgħallmu filgħodu u/jew filgħaxija u f'Malta u/jew Għawdex. Din l-informazzjoni għandha tkun inkluża fit-taqsima msejħa: 'Imjieg Mixtieq'. Ic-CV tal-Eurpass tista' titniżżel minn dan il-link: (https://europass.cedefop.europa.eu/en/documents/curriculum-vitae).

8.2. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, permezz tal-Portal ta' Reklutaġġ tal-Edukazzjoni onlajn **biss** f'dan l-indirizz: (https://edurecruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-employment history). Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 6 ta' Jannar, 2025. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

8.3. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

8.4. Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

8.5. Applikanti jingħataw sa jumejn xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

5.1(vi) above. Hence, applicants applying under paragraphs 5.1(iv), (v) and (vi) will only be considered once the order of merit of Category A referred to in paragraph 7.3, has been exhausted and if vacancies still exist.

7.5. Consequently, separate result lists will be published according to the order of merit pertaining to the subject/area mentioned in paragraph 1.2 above, and in accordance with section 5.1, and paragraphs 7.3 and 7.4. The result list will remain valid for two (2) year from date of publication or until the result list is exhausted, whichever is earlier.

Submission of Applications

4.4 Kandidati li japplikaw skont it-termini ta' paragrafu 4.2 (iii) (b) jew paragrafu 4.2 (iii) (c) hawn fuq iridu jiksbu ittra ta' rikonoxximent mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta li tikkonferma li l-kwalifiki tagħhom jistgħu jiġu kkunsidrati bħala ekwivalenti għaċ-Ċertifikat ta' Tlestija ta' Taħriġ Speċjalizzat maħruġ mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta. F'każ ta' diffikultà għandu jintalab il-parir tal-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta.

Sabiex tiġi ffaċilitata r-referenza, is-sit elettroniku tal-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta jista' jiġi kkonsultat minn (https://medicalcouncil.gov.mt/wp-content/uploads/2024/10/mcsac.pdf).

4.5 Kandidati li japplikaw skont it-termini ta' paragrafu 4.2 (iii) (b) jew paragrafu 4.2 (iii) (c), u li jkunu meħtieġa jippreżentaw dikjarazzjoni mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalist kif mitlub fil-paragrafu 4.4 għandhom jinkludu kopja ta' din id-dikjarazzjoni mal-applikazzjoni u jippreżentaw l-oriġinali waqt l-intervista. Kandidati li mhumiex fil-pussess ta' din id-dikjarazzjoni xorta jistgħu japplikaw, basta jissottomettu kopja ta' din id-dikjarazzjoni hekk kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u fi kwalunkwe ċirkustanza mhux aktar tard mid-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jippreżentawx id-dikjarazzjoni meħtieġa fi żmien xahar għal raġunijiet lil hinn mill-kontroll tagħhom jistgħu jitolbu estenjoni ta' dan il-limitu ta' żmien b'xahar ieħor mill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet lil hinn minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

4.6 Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta daħlet fis-seħħ il-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.7 Uffiċjali pubbliċi li bħalissa għandhom ħatra bħala Uffiċjal fil-Grad huma kkunsidrati fuq bażi personali li jappartjenu għall-Klassi/Stream tal-grad sostantiv immedjatament preċedenti tagħhom, u jistgħu japplikaw fuq il-bażi tal-iskala kurrenti tagħhom bħala Uffiċjal fil-Grad, li għandha tkun ekwivalenti għal, jew ogħla minn, dak li hu meħtieġ minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.4 Candidates applying in terms of paragraph 4.2 (iii) (b) or paragraph 4.2 (iii) (c) above must obtain a recognition statement from the Specialist Accreditation Committee of Malta confirming that their qualifications may be considered as an equivalent to the Certificate of Completion of Specialist Training (CCST) issued by the Specialist Accreditation Committee of Malta. In case of any difficulty, the advice of the Specialist Accreditation Committee of Malta is to be sought.

For ease of reference, the website of the Specialist Accreditation Committee of Malta may be consulted at (https://medicalcouncil.gov.mt/wp-content/uploads/2024/10/mcsac.pdf).

4.5 Candidates applying in terms of paragraph 4.2 (iii) (b) or paragraph 4.2 (iii) (c) and who are required to present a statement by the Specialist Accreditation Committee as specified in paragraph 4.4 should include a copy of that statement with their application and present the original at the interview. Candidates not in possession of the required statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement as soon as it is available and in any case, by not later than the closing date of this call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control may request an extension of this time limit, up to a further one month, from the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Requests for an extension beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

4.6 Public Officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in the calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.7 Public officers who currently hold an appointment as Officer in Grade are considered on a personal basis to pertain to the Class/Stream of their immediately previous substantive grade, and may apply on the basis of their current scale as Officer in Grade, which must be equivalent to, or higher than, what is required by this call for applications.

Is-snin ta' servizz mid-data effettiva tal-ħatra bħala uffiċjal fil-Grad huma kkalkulati għall-iskop li jissodisfaw is-snin meħtieġa ta' 'servizz fil-grad' kif stipulat fis-sejħiet għall-applikazzjonijiet.

Kwalunke rekwiżit ieħor ta' eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni għandu jintlaħaq f'termini ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/transkrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal fuq (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.7, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa u Anzjanità Attiva, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta VLT 1171, permezz tal-Portal ta' Reklutaġġ tal-Gvern onlajn **biss** fuq (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-employment history). Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta'nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Diċembru, 2024. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 Applikanti jingħataw sa jumejn xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Grade are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of "service in the grade" as stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post/position must be met in terms of this call for applications.

Submission of Supporting Documents

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedure

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.7, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the People Management Division, Ministry for Health and Active Ageing, 15 Palazzo Castellania, Merchants Street, Valletta VLT 1171, through the Online Government Recruitment Portal **only** on (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae, completely up-to-date (which should include a list of qualifications held by applicant and the employment history). The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 27th December, 2024. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date and time of this call for applications, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki ;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-settur pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti;

jistgħu jiġu aċċessati fl-indirizz (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf) jew jinkisbu mid-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa u Anzjanità Attiva, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta VLT 1171. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku tal-Ministeru għas-Saħħa u Anzjanità Attiva huwa (https://health.gov.mt), in-numru tal-fax huwa +356 2299 2604, u l-indirizz elettroniku huwa (recruitment.health@gov.mt).

It-12 ta' Diċembru, 2024

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U ANZJANITÀ ATTIVA

Post ta' Pharmacist fil-Ministeru għas-Saħħa u Anzjanità Attiva

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Is-Segretarju Permanenti (Saħħa) u Segretarju Permanenti (Anzjanità Attiva), Ministeru għas-Saħħa u Anzjanità Attiva jilqaw applikazzjonijiet għall-post ta' Pharmacist fil-Ministeru għas Saħħa u Anzjanità Attiva.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax (12) il xahar.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of public sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents;

may be viewed by accessing the address (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) or may be obtained from the People Management Division, Ministry for Health and Active Ageing, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address of the Ministry for Health and Active Ageing is (https://health.gov.mt), the fax number is +356 2299 2604, and the email address is (recruitment.health@gov.mt).

12th December, 2024

MINISTRY FOR HEALTH AND ACTIVE AGEING

Post of Pharmacist in the Ministry for Health and Active Ageing

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Permanent Secretary (Health) and The Permanent Secretary (Active Ageing), Ministry for Health and Active Ageing invites applications for the post of Pharmacist in the Ministry for Health and Active Ageing.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of (12) months.

2.2 Is-salarju ta' Pharmacist huwa ta' Skala ta' Salarju 9 (step 3), li fis-sena 2024 huwa ta' €26,483.68 fis-sena, li jiżdied b'€447.33 fis-sena sa massimu ta' €28,273,00.

2.3 Persuna fil-grad ta' Pharmacist titla' fi Skala 8 ta' Salarju (€27,179.02 x €486,83 - €30,100.00) wara sentejn (2) snin servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.4 Persuna fil-grad ta' Pharmacist tiġi promossa għall-grad ta' Senior Pharmacist fi Skala 7 (€28,855.98 x €531,17 - €32,043.00) wara sitt (6) snin servizz fil-grad ta' Pharmacist.

Ladarba is-Certificate of Completion of General Professional Training (CCGPT) ikun għaddej, il-progression għal Senior Pharmacist fi Skala ta' Salarju 7 tkun wara sentejn (2) snin ta' servizz sodisfaċenti fi Skala ta' Salarju 8 u tlestija b'suċċess tas-CCGPT.

2.5 Persuna maħtura tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra tali, u suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi oħra tali li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti bejn il-Gvern u l-Unjin kompetenti.

2.6 Il-kandidati magħżula għandhom ikunu ta' kondotta li tkun xierqa għall-post li għaliha saret l-applikazzjoni. Qabel il-ħatra, kandidati magħżula minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat ta' Kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar kmieni minn sitt (6) xhur middata tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, li għandu jiġi sottomess mil-kandidat magħżul fi żmien ġimgħa (1) mid-data tan-notifika tal-ħatra.

2.7 Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16, dwar il-'Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta' Kunflitti ta' Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika', maħruġ mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta' Novembru, 2023 u li daħal fi-seħħ fl-1 ta' Frar, 2024, il-Bord tal-Għażla se jivvaluta l-impjiegi preċedenti tal-kandidati biex jevalwa l-kunflitti ta' interess potenzjali. F'dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu CV kompletament aġġornat, inkluż il-kwalifiki u l-istorja tal-impjieg mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali nnutata għandha tiġi rrappurtata lis-Segretarju Permanenti rispettiv biex jiġi żgurat li, jekk ilkandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta' interess ikunu mmaniġġjati b'mod xieraq.

Barra minn hekk, il-kandidati magħżula għandhom jirrappurtaw kwalunke kunflitt ta' interess magħruf, attwali, potenzjali jew apparenti qabel ma jaċċettaw ħatra, permezz tad-Dikjarazzjoni preskritta disponibbli fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20

2.2 The salary for the post of Pharmacist is Salary Scale 9 (step 3), which in the year 2024 is equivalent to, €26,483.68 per annum, rising by annual increments of €447.33 up to a maximum of €28,273.00.

2.3 A Pharmacist will progress to Scale 8 (€27,179.02 x €486.83 - €30,100.00) on completion of two (2) years service in the grade, subject to satisfactory performance .

2.4 A Pharmacist will be promoted to the grade of Senior Pharmacist in Scale 7 (€28,855.98 x €531.17 - €32,043.00) on completion of six (6) years service in the grade of Pharmacist.

Once the Certificate of Completion of General Professional Training (CCGPT) is up and running, progression to Senior Pharmacists at Salary Scale 7 will be after two (2) years of satisfactory service in Salary Scale 8 and successful completion of the CCGPT.

2.5 An Appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

2.6 Selected candidates must be of conduct which is appropriate to the post applied for. Prior to appointment, selected candidates from outside the Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications, which should be submitted by the selected candidate within one (1) week from the date of the notification of appointment.

2.7 In terms of the requirements emanating from Directive 16, regarding the "Governing Framework for Preventing and Managing Conflicts of Interest in the Public Administration", issued by the Principal Permanent Secretary on 27th November, 2023 and which came into force on 1st February, 2024, the Selection Board will assess candidates' previous employments to assess potential conflicts of interest. In this respect, candidates are to provide a completely updated CV, including qualifications and employment history with their application. Any potential conflict of interest matters noted will be reported to the respective Permanent Secretary, to ensure that should the candidate be recruited, such conflicts of interest would be appropriately managed.

Moreover, selected candidates are to report any known actual, potential or apparent conflicts of interest prior to accepting an appointment, through the prescribed Declaration available at Appendix 1 to Directive 16 (available from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20

for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)).

Dmirijiet

3.1 Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Pharmacist jinkludu li:

i. jipprovdi servizz farmaċewtiku professjonali fi kwalunkwe ambjent farmaċewtiku tal-Gvern;

ii. jkun involut attivament fl-akkwist, il-ġestjoni tal-ħażniet (inkluża dik ta' mediċini kkontrollati), assemblaġġ ta' ordnijiet, ippakkjar mill-ġdid, rilaxx, forniment u distribuzzjoni ta' farmaċewtiċi;

iii. jiddispensa oġġetti farmaċewtiċi skont preskrizzjonijiet mediċi;

iv. jirrikostitwixxi prodotti mediċinali b'mod asettiku u b'mod mhux asettiku;

v. jikkontribwixxi għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u r-reviżjonijiet ta' politiki farmaċewtiċi, proċess ta' intitolament għall-mediċini u manutenzjoni tal-Formularju tal-Gvern;

vi. jagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għas-Saħħa u Anzjanità Attiva;

vii. kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

viii. kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

3.2 Persuna maħtura tista' tkun meħtieġa li twettaq dmirijiet fi kwalunkwe servizz għall-kura tas-saħħa tal-Gvern ta' Malta skont id-diskrezzjoni tal-Management.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż

Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)).

Duties

3.1. The job duties for the post of Pharmacist include:

i. provides a professional pharmaceutical service in any Government pharmaceutical setting;

ii. actively involved in the procurement, stock management (including that of controlled drugs), assembly of orders, repackaging, release, supply and distribution of pharmaceuticals;

iii. dispenses of pharmaceutical items according to medical prescriptions;

iv. reconstitutes medicinal products aseptically and non-aseptically;

v. contributes to the development, implementation and reviews of pharmaceutical policies, medicines entitlement process and maintenance of the Government Formulary;

vi. making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Health and Active Ageing;

vii. undertake any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

viii. any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

3.2 An appointee may be required to perform duties in any of the health care services of the Government of Malta at the discretion of the Management.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of

b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqlieq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.'

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. (a) profiċjenti fil-lingwa Maltija. Għaldaqstant, kandidati li m'humiex profiċjenti fil-lingwa Maltija xorta ser jiġu kkunsidrati imma jridu jipprovdu evidenza ta' profiċjenza bażika fil-lingwa Maltija qabel il-konferma tal-ħatra li hi fi żmien sena (1) mill-ingaġġ, billi jgħaddu b'suċċess mill-eżami fil-Basic Medical Maltese for the Healthcare Profession Part 1 u Part 2 tal-Università ta' Malta. Il-kors li uffiċjalment iwassal għal dan l-eżami huwa l-Course in Basic Medical Maltese for the Healthcare Profession Part 1 u Part 2 immexxi midDipartiment tal-Malti talUniversità ta' Malta. Kwalunkwe spejjeż tal-kors jew assessjar tiegħu jkunu mħallsa mill-kandidati prospettivi. Madankollu, tali spejjeż jistgħu jiġu applikati biex jitħallsu lura permezz tal-iSkema tal-Continuous Pharmacy Education (CPE).

U

ii (b) profiċjenti fil-lingwa Ingliża;

EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007"; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. (a) proficient in the Maltese Language. However, candidates who do not possess proficiency in the Maltese language will still be considered but must provide evidence of basic proficiency in the Maltese Language before confirmation of appointment, which is within one (1) year of engagement by being successful in the examination in Basic Medical Maltese for the Healthcare Profession Part 1 and Part 2 of the University of Malta. The course officially leading to this examination is the Course in Basic Medical Maltese for the Healthcare Profession Part 1 and Part 2 run by the Department of Maltese of the University of Malta. Any course or assessment fees are to be paid by prospective candidates. However, such expenses may be claimed through the Continuous Pharmacy Education (CPE) Scheme.

AND

ii. (b) be proficient in the English language;

Billi jipprovdu, sad-data tal-intervista, evidenza li l-kwalifika primarja ġiet segwita bil-lingwa Ingliża;

JEW

jipprovdu sad-data tal-intervista, ċertifikat validu tal-IELTS (International English Language Testing System) ta' band score medju ta' 6 jew ogħla f'dominji ta' komprensjoni, qari, kitba u lingwa mitkellma. Kwalifika ċċertifikata ekwivalenti għal IELTS Livell 6 (ta' band score medju ta' 6) eż. GCSE / Cambridge Grad Ċ, TOEFL (IBT): 60-80, CEFR: B2 jkunu aċċettati;

JEW

jipprovdu dokumentazzjoni li turi tal-inqas sitt (6) xhur esperjenza ta' xogħol iċċertifikata full time bħala Pharmacist fir-Renju Unit jew fl-Irlanda jew kwalunkwe pajjiż ieħor li jitkellmu l-Ingliż fejn l-Ingliż huwa l-lingwa primarja u / jew uffiċjali.

U

iii. fil-pussess ta' warrant biex jipprattikaw bħala Pharmacist f'Malta.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anki jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

4.2 (i) Aktar minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment il-kwalifika u l-warrant biex jiprattikaw, jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf) xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika u warrant. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika u warrant sal-31 ta' Marzu, 2025. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika u warrant ma tintlaħaqx, il-kandidat ma jkunx appuntat.

(ii) Kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnotaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta'

Either by providing proof by the interview date that the primary qualification was undertaken in the English Language;

OR

by providing by the interview date, a valid certificate of IELTS (International English Language Testing System) or average band score of 6 or above in the listening, reading, writing and speaking domains. A certfied equivalent qualification to IELTS (overall band score 6) e.g. GCSE / Cambridge: Grade C, TOEFL (IBT): 60 - 80, CEFR: B2 will also be accepted;

OR

by providing documentation showing at least six (6) months full-time equivalent certified work experience as a Pharmacist in the United Kingdom, Ireland, or any other English speaking Country where English if the primary and / or the Official language.

AND

iii. be in possession of a warrant to practice as Pharmacist in Malta.

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

4.2 (i) Candidates who have not yet formally obtained their qualification and warrant to practice, or else as indicated in paragraph 3.1 of the general provisions (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification and warrant. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification and warrant by the 31st March, 2025. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification and warrant is not met, candidates will not be appointed.

(ii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition

rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

4.3. Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta ġiet effettiva l-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa t'applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor t'eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa t'applikazzjonijiet.

4.4 Uffiċjali pubbliċi li bħalissa għandhom ħatra bħala Uffiċjal fil-Grad huma kkunsidrati fuq bażi personali li jappartjenu għall-Klassi/Stream tal-grad sostantiv immedjatament preċedenti tagħhom, u jistgħu japplikaw fuq il-bażi tal-iskala kurrenti tagħhom bħala Uffiċjal fil-Grad, li għandha tkun ekwivalenti għal, jew ogħla minn, dak li hu meħtieġ minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-snin ta' servizz mid-data effettiva tal-ħatra bħala uffiċjal fil-Grad huma kkalkulati għall-iskop li jissodisfaw is-snin meħtieġa ta' 'servizz fil-grad' kif stipulat fis-sejħiet għall-applikazzjonijiet.

Kwalunke rekwiżit ieħor ta' eliġibbiltà għall-post għandu jintlaħaq f'termini ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/transkrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

4.3 Public Officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.4 Public officers who currently hold an appointment as Officer in Grade are considered on a personal basis to pertain to the Class/Stream of their immediately previous substantive grade, and may apply on the basis of their current scale as Officer in Grade, which must be equivalent to, or higher than, what is required by this call for applications.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Grade are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of "service in the grade" as stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

Submission of Supporting Documents

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedure

6.1 Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1, have proven relevant work experience.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa u Anzjanità Attiva, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta VLT 1171, permezz tal-Portal ta' Reklutaġġ tal-Gvern onlajn **biss** fuq (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-employment history). Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 30 ta' Diċembru, 2024. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 Applikanti jingħataw sa jumejn xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki ;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-settur pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti;

jistgħu jiġu aċċessati fl-indirizz (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf) jew jinkisbu mid-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa u Anzjanità Attiva, 15 Palazzo Castellania, 15 Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171. Dawn il-provvedimenti ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the People Management Division, Ministry for Health and Active Ageing, 15 Palazzo Castellania, Merchants Street, Valletta VLT 1171, through the Online Government Recruitment Portal **only** on (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae, completely up-to-date (which should include a list of qualifications held by applicant and the employment history). The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Monday, 30th December, 2024. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date and time of this call for applications, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of public sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents;

may be viewed by accessing the address (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) or may be obtained from People Management Division, Ministry for Health and Active Ageing, Palazzo Castellania, 15 Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

Is-sit elettroniku, u l-indirizz elettroniku tad-Dipartiment/Diviżjoni/Direttorat huma (https://health.gov.mt) u (recruitment.health@gov.mt).

It-12 ta' Diċembru, 2024

MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INDAFA PUBBLIKA

Post ta' Assistant Manager fil-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur Ġenerali għall-Operat, f'isem is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Assistant Manager fil-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika.

Termini u kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sitt (6) xhur.

2.2 Waqt il-perjodu ta' probation/prova, dawk appuntati iridu jkunu temmew b'suċċess kors t' induzzjoni offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi sabiex ikunu eliġibbli għall-konferma tal-ħatra.

2.3 Is-salarju t'Assistant Manager li jidħol fil-grad bir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà ta' paragrafu 4.1 (iii) (a) jew (iii) (ċ) huwa ta' Skala ta' Salarju 12, li fis-sena 2024 huwa ta' €21,236.00 fis-sena, li jiżdied b'€354.00 fis-sena sa massimu ta' €23,360.00 .

2.4 Persuna fil-grad ta' Assistant Manager fi Skala ta' Salarju 12 titla għal Skala 11, li fis-sena 2024 hija ekwivalenti għal €22,642.98 fis-sena, li tiżdied b'żidiet annwali ta' €375.17 sa massimu ta' €24,894.00, mal-kisba ta' Diploma fil-Livell 5 tal-MQF kif imsemmija fil-paragrafu 4.1(iii) (b).

2.5 Persuna fil-grad t'Assistant Manager li tissodisfa l-klawsola 4.1 (iii) (b) titpoġġa fi Skala ta' Salarju 11, u titla fi Skala 10 (€24,085.98 x €407.67- €26,532.00) fis-sena 2024 wara tliet (3) snin servizz bħala Assistant Manager fi Skala ta' Salarju 11, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.6 Il-persuni maħtura jkunu intitolati wkoll għall-ħlas ta' allowance tal-klassi ta' €500, suġġett għall-politiki tal-amministrazzjoni ċentrali li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien.

The website address, fax number and e-mail address of the receiving Department/Division/Directorate are (https://health.gov.mt), and (recruitment.health@gov.mt).

12th December, 2024

MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, ENERGY AND PUBLIC CLEANLINESS

Post of Assistant Manager in the Ministry for the Environment, Energy and Public Cleanliness

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director General (Operations) on behalf of the Permanent Secretary, Ministry for the Environment, Energy and Public Cleanliness invites applications for the post of Assistant Manager in the Ministry for the Environment, Energy and Public Cleanliness.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of six (6) months.

2.2 During the probationary/trial period, appointees must successfully complete appropriate induction programmes organised by the Institute for the Public Services to be eligible for confirmation of appointment.

2.3 The salary for the post of Assistant Manager for those applicants entering into the grade under the eligibility provisions of paragraph 4.1 (iii) (a) or (iii) (c) is Salary Scale 12, which in the year 2024 is equivalent to, €21,236.00 per annum, rising by annual increments of €354.00 up to a maximum of €23,360,00.

2.4 An Assistant Manager in Salary Scale 12 will progress to Scale 11, which in the year 2024 is equivalent to €22,642.98 per annum, rising by annual increments of €375.17 up to a maximum of €24,894.00, on attainment of the MQF Level 5 Diploma referred to in paragraph 4.1 (iii) (b).

2.5 An Assistant Manager who satisfies the eligibility provision of paragraph 4.1 (iii) (b) will be placed in Salary Scale 11, and will progress to Scale 10 (€24,085.98 x €407.67 - €26,532.00) in the year 2024 on completion of three (3) years service as Assistant Manager in Salary Scale 11, subject to satisfactory performance.

2.6 Appointees will also be entitled to the payment of an annual class allowance of €500, subject to Central Administration's policies in force from time to time.

2.7 Mhux se jkun possibbli li jintalab trasferiment qabel perjodu ta' sentejn (2) mill-ħatra. Hekk kif jiskadi l-imsemmi perjodu ta' sentejn (2), dawk appuntati jistgħu jiġu biss trasferiti fuq talba tagħhom sabiex jaqdu dmirijiet xi mkien ieħor, skont il-postijiet vakanti stabbiliti.

2.8 Ir-riżultat ikun validu għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni.

2.9 Il-kandidati magħżula għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post/pożizzjoni li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, li għandu jiġi sottomess mill-persuna magħżula fi żmien ġimgħa (1) mid-data tan-notifika tal-ħatra.

2.10 Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16, dwar il-'Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta' Kunflitti ta' Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika', maħruġ mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta' Novembru, 2023 u li daħal fi-seħħ fl-1 ta' Frar, 2024, il-Bord tal-Għażla se jivvaluta l-impjiegi preċedenti tal-kandidati biex jevalwa l-kunflitti ta' interess potenzjali. F'dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu CV kompletament aġġornat, inkluż il-kwalifiki u l-istorja tal-impjieg mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali nnutata għandha tiġi rrappurtata lis-Segretarju Permanenti rispettiv biex jiġi żgurat li, jekk il-kandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta' interess ikunu mmaniġġjati b'mod xieraq.

Barra minn hekk, il-kandidati magħżula għandhom jirrappurtaw kwalunke kunflitt ta' interess magħruf, attwali, potenzjali jew apparenti qabel ma jaċċettaw ħatra, permezz tad-Dikjarazzjoni preskritta disponibbli fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)).

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Assistant Manager jinkludu li:

i. Jwettaq dmirijiet ta' natura amministrattiva biex jappoġġja l-maniġment superjuri kif jista' jkun meħtieġ;

ii. Jgħin fil-ġbir u l-kumpilazzjoni ta' data kif jista' jkun meħtieġ;

iii. Jwettaq funzjonijiet operattivi relatati ma' funzjonijiet korporattivi speċifiċi, ta' implimentazzjoni jew funzjonijiet oħra;

2.7 It will not be possible to request a transfer before a two (2) year period from date of appointment. On the lapse of a two (2) year period, appointees may only be transferred at their own request to carry out duties elsewhere, in accordance with established vacancies.

2.8 The result will be valid for a period of two (2) years from the date of publication.

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any quotation, even the most advantageous.

12th December, 2024

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2914

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell, Sede Superjuri, fil-25 ta' Novembru, 2024, fl-atti tar-Rikors Numru 41/2019 fl-ismijiet Casafunghi Limited (C23238) vs Frank u Mary konjuġi Camilleri; John u Pauline konjuġi Abela, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Casafunghi Limited a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell Nru. 41/2019 ippreżentat fl-1 ta' Lulju, 2024, fl-ismijiet premessi, Frank u Mary konjuġi Camilleri (ID 425081M u 85247G rispettivament) u John u Pauline konjuġi Abela (ID 139071M u 29071G rispettivament) ħassewhom aggravati bis-sentenza tal-31 ta' Mejju, 2024, mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ġuriżdizzjoni Superjuri) fejn din laqgħet l-ewwel u t-tielet talba attriċi bl-ispejjeż kontra l-appellanti, filwaqt illi ċaħdet it-tieni talba tas-soċjetà appellata. Illi l-aggravvji tal-appellanti huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1) Illi mhuwiex minnu li l-appellanti m'onorawx l-ewwel klawsola tal-konvenju datat 3 ta' April, 2017, iffirmat bejn il-partijiet iżda għandu jitqies li tali kundizzjoni ġiet issodisfatta fiċ-ċirkostanzi;

2) Illi in subsidium u mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju, l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni żbaljata meta kkonkludiet illi n-nuqqas ta' ħlas fi żmien stipulat wassal sabiex il-konvenju tat-3 ta' April, 2017, ma baqax vinkolanti bejn il-partijiet;

Għaldaqstant, l-appellanti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tilqa' dan l-appell imressaq mir-rikorrenti appellanti, u tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fl-ismijiet premessi mogħtija nhar il-31 ta' Mejju, 2024, u konsegwentement

By means of a decree delivered by the Court of Appeal, Superior Jurisdiction, on the 25th November, 2024, in the records of Application Number 41/2019 in the names Casafunghi Limited (C23238) vs Frank and Mary spouses Camilleri; John and Pauline spouses Abela, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Casafunghi Limited in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap 12.

In virtue of Appeal Application No. 41/2019 filed on the 1st July, 2024, in the names premised, Frank and Mary spouses Camilleri (ID 425081M and 85247G respectively) and John and Pauline spouses Abela (ID 139071M and 29071G respectively) felt aggrieved by the judgment dated 31st May, 2024, delivered by the Court of Magistrates (Superior jurisdiction) whereby it upheld the first and third claims by the plaintiff with costs against the appellants, whilst rejecting the second claim by the respondent company. Whereas the appellants' grounds of appeal are clear and manifest and consist in the following:

1) that it is not true that the appellants did not honour the first clause of the preliminary agreement dated 3rd April, 2017, signed between the parties but it should be considered that such condition was satisfied in the circumstances;

2) that in subsidium and without prejudice to the first grievance, the Court of First Instance reached the wrong conclusion when it asserted that the lack of payment within a stipulated time led to the consequence that the preliminary agreement dated 3rd April, 2017, was no longer binding between the parties;

Therefore, the appellants respectfully request that this Honourable Court upholds this appeal submitted by the appellant applicants, and cancels and revokes the judgment given by the Honourable First Court in the names premised given on the 31st May, 2024, and consequently pass on to

tgħaddi biex tilqa' t-talbiet tal-appellanti bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà appellata.

Notifika: Casafunghi Ltd., 5, Ta' Indrija, Triq l-Għarb, l-Għarb, Għawdex.

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 5 ta' Diċembru, 2024

DOTT F. BONDIN LLD, M.Jur.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

uphold the appellants' claims with costs of both instances against the respondent company.

Notification: Casafunghi Ltd., 5, Ta' Indrija, Triq l-Għarb, Għarb, Gozo.

Registry of the Courts of Appeal (Superior jurisdiction), this day 5th December, 2024

DR. FRANCO BONDIN LLD, M.Jur.,
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2915

ARB/C072/2024 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-4 ta' Diċembru, 2024, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja – (Maġistrat Dr Rachel Montebello LLD). Kumpilazzjoni Numru 455/2024, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

EMMANUEL SAID, impjegat, ta' 45 sena, iben Francis Said u Theresa Said xebba Abela, imwieled Ħ'Attard, Malta fit-23 ta' April, 1979, u residenti ġewwa 25, Triq il-Kastellan, Żejtun u detentur ta' Karta tal-Identità Maltija bin-numru 266479M.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat EMANUEL SAID li jipperċepixxi l-ammont stabbilit mill-Ministru b'ordni fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,191 permezz tal-Avviż Legali 31 tal-2024 – Ordni tal-2024 li Jistabbilixxi l-Ammont Massimu Rilaxxjabbli lil Persuni li jkunu Soġġetti għal Ordnijiet ta' Sekwestru jew għal Ordnijiet ta' Qbid u Iffriżar taħt l-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, ta' wieħed u għoxrin elf, disa' mija u ħamsa u erbgħin Euro (€21,945) kull sena bħala l-ammont massimu, mill-kont tal-bank intestat f'isem l-imputat li jispiċċa -0019 u miżmum mal-APS Bank plc.

Il-Qorti AWTORIZZAT wkoll lill-imputat EMANUEL SAID li jirċievi s-salarju tiegħu fl-istess kont tal-bank intestat f'ismu li jispiċċa -0019 u miżmum mal-APS Bank plc.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (5) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (Maġistrat Dr Rachel Montebello LLD), fil-11 ta' Settembru 2024 li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern

ARB/C072/2024 – VARIATION OF A SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 4th December, 2024, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry – (Magistrate Dr Rachel Montebello LLD). Compilation Number 455/2024, in the case:

The Republic of Malta

Versus

EMMANUEL SAID, employee, 45 years, son of Francis Said and Theresa Said née Abela, born in Attard, Malta on the 23rd April, 1979, and residing at 25, Triq il-Kastellan, Żejtun and holder of Maltese Identity Card bearing number 266479M.

The Court AUTHORISES the accused EMMANUEL SAID to perceive the amount established by the Minister by order in the Government Gazette of Malta No. 21,191 through Legal Notice 31 of 2024 – Establishment of Maximum Amount which may be Released to Persons who are Subject to Attachment Orders or to Seizing and Freezing Orders under the Proceeds of Crime Act Order, 2024, of twenty-one thousand, nine hundred and forty-five Euro (€21,945) annually as the maximum amount, from the bank account registered in the name of the accused ending in -0019 and held at the APS Bank plc.

The Court further AUTHORISES the accused EMANUEL SAID to receive his salary in the same bank account registered in his name ending in -0019 and held at the APS Bank plc.

This variation is being published in terms of Article 36 (5) of the Proceeds of Crime Act, Chapter 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Rachel Montebello LLD) on the 11th September, 2024, which was published in the

fl-20 ta' Settembru, 2024, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-propjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma propjetà ta' EMANUEL SAID.

Illum, 9 ta' Diċembru, 2024

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

Government Gazette on the 20th September, 2024, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all money and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to EMANUEL SAID.

Today, 9th December, 2024

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

2916

ARB/C024/2021 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fis-6 ta' Diċembru, 2024, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja – (Maġistrat Dr Donatella Frendo Dimech LLD). Kumpilazzjoni Numru 199/2021, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

SPIRIDIONE GOODLIP, impjegat, ta' 43 sena, iben il-mejjet William u Carmen xebba Hill, imwieled Tal-Pietà, Malta fit-18 ta' Ġunju, 1981, residenti ġewwa 30, Lauredai, Triq il-Kurunell Cocks, Pembroke u detentur ta' Karta tal-Identità Maltija bin-numru 323081M.

Il-Qorti ORDNAT illi l-ordni ta' qbid u ffriżar maħruġa fit-13 ta' April, 2021 fil-konfront tal-imputat SPIRIDIONE GOODLIP qed tiġi limitata għall-propjetà ġewwa 'Tal-Ħżejjen' magħrufha bħala 'Ta' Ħumbarek', limiti ta' San Pawl il-Baħar, limiti taż-Żebbiegħ, u l-ammont ta' €30,000 bħala l-assi li għandhom ikunu soġġetti għall-konfiska fil-każ ta' sejbien ta' ħtija. B'dan illi l-proprjetà l-oħra tal-imputat ma għandhiex titqies bħala li tkun soġġetta għall-ordni ta' qbid u iffriżar.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (4)(a) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (Maġistrat Dr Donatella Frendo Dimech LLD), fit-13 ta' April, 2021, li ġiet ippublikata fil-Gazzetta tal-Gvern fis-16 ta' April, 2021, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-propjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma propjetà ta' SPIRIDIONE GOODLIP.

Illum, 9 ta' Diċembru, 2024

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

ARB/C024/2021 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 6th December, 2024, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry – (Magistrate Dr Leonard Caruana LL.D.). Compilation Number 199/2021, in the case:

The Republic of Malta

Versus

SPIRIDIONE GOODLIP, employee, 43 years, son of the late William and Carmen née Hill, born in Tal-Pietà, Malta on the 18th June, 1981, residing at 30, Lauredai, Triq il-Kurunell Cocks, Pembroke and holder of Maltese Identity Card bearing number 323081M.

The Court ORDERED that the seizing and freezing order issued on 13th April, 2021 against the accused SPIRIDIONE GOODLIP is being limited to the property at 'Tal-Ħżejjen' known as 'Ta' Ħumbarek', limits of St. Paul's Bay, limits of Żebbiegħ, and the amount of €30,000 as the assets that shall be subject to confiscation in the case of a conviction. That the other property of the accused shall not be considered as being subject to the seizing and freezing order.

This variation is being published in terms of Article 36 (4) (a) of the Proceeds of Crime Act, Chapter 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Donatella Frendo Dimech LL.D.) on the 13th April, 2021, which was published in the Government Gazette on the 16th April, 2021, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to SPIRIDIONE GOODLIP.

Today, 9th December, 2024

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

2917

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Volontarja fl-erbgħa (4) ta' Diċembru 2024 (Digriet numru 115/2024BS, wara rikors numru 83/2024BS) ġiet ikkonfermata INTERDETTA mill-atti kollha tal-ħajja ċivili Mary Sultana, armla ta' Joseph Sultana, bint il-mejtin Michael Refalo u Annunziata nee' Borg, imwielda x-Xagħra, Għawdex, u residenti Għajnsielem, Għawdex (Karta ta' Identità numru 3247(G)).

Lewis Refalo, bin il-mejtin Michael Refalo u Annunziata nee' Borg, imwieled ix-Xagħra, Għawdex u residenti Xagħra Għawdex, detentur tal-karta tal-identità numru 93749(G) ġiet bl-istess digriet, nominat kuratur tagħha.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 10 ta' Diċembru, 2024

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

It is hereby notified that in virtue of a decree given by the Court of Magistrates (Gozo) in its Voluntary Jurisdiction on the fourth (4th) of Decemebr of the year 2024 (Decree number: 115/2024BS following application number 83/2024(BS) Mary Sultana, widow of Joseph Sultana, daughter of the late Michael Refalo and Annunziata nee' Borg, born in Xagħra, Gozo and resides in Għajnsielem, Gozo, holder of identity card number: 3247(G) has been confirmed INTERDICTED from all acts of civil life.

Lewis Refalo, son of the late Michael Refalo and Annunziata nee' Borg, born in Xagħra, Gozo and resides in Xagħra Gozo, holder of identity card number 93749(G), has been nominated as her curator, by virtue of the said decree.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Voluntary Jurisdiction

This 10th of December, 2024

DANIEL SACCO
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

2918

B'digriet tal-24 ta' Settembru, 2024, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, dina l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skond l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12):

B'rikors preżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla fl-14 ta' Marzu, 2024, minn HSBC Bank Malta plc, Subbasta bin-numru 11/24 fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc bin-numru tar-reġistrazzjoni C3177 vs Ronald Galea KI 274072M et qed jintalab il-bejgħ bl-irkant ta':

L-appartament numru tlieta (3) fit-tieni livell u cioè 'first floor' formanti parti mill-blokk bini bin-numru sittax (16) fi Triq Dolmen, Marsascala, soġġett għar-rata tiegħu ta' ċens annwu u perpetwu ta' sebgħa u disgħin ewro u żewġ ċenteżmi (€97.02) li jaggrava l-korp kollu u revidibbli kull ħamsin sena mill-ħdax ta' Settembru tas-sena elf disa' mija tmienja u sittin (11.09.1968), mill-bqija liberu u frank, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tiegħu, bid-dritt ta' użu in perpetwu tal-partijiet kollha li huma intiżi għal użu komuni tal-blokka, fosthom l-entrata, taraġ, indani, xafts u inkluż użu tal-bejt tal-imsemmi blokk, kif ukoll dan l-appartament għandu d-dritt li waħħal u jżomm tank tal-ilma wieħed ta' seba' mija u ħamsin (750) litru u communial televixin aerial fuq il-bejt u f'każ li jkun jista' jsir skont ir-regoli tal-'Malta Environment and Planning Authority', solar heater wieħed,

By a decree given on the 24th September, 2024, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12):

By the application filed in the Civil Court First Hall on the 14th March, 2024, by HSBC Bank Malta plc, Judicial Sale file number 11/24 in the names HSBC Bank Malta plc with the registration number C3177 vs Ronald Galea ID274072M et being asked that the Court orders the sale by auction of the:

Apartment number three (3) on the second level and i.e. first floor forming part of the building block number sixteen (16) in Triq Dolmen, Marsascala, subject for its rate of annual and perpetual ground rent of ninety-seven euro and two cents (€97.02) which aggravates all the block and is revisable every fifty years commencing from the eleventh September of the year one thousand and sixty eight (11.09.1968), the rest free and unencumbered, with all its rights and appurtenances, with the right of perpetual use of all the common parts that are intended for common use of the block, including the entrance, stairs, hallways, shafts and including the use of the roof of the said block, as well as this apartment has the right to install and maintain one water tank of seven hundred and fifty (750) litres and communal television aerial on the roof and in case it can be done according to the rules of Malta Environment and Planning

u f'każ li ma jkunx hemm spazju għal solar heater għal kull appartament, l-ewwel preferenza tkun ta' sid il-bejt bid-dritt ta' aċċess f'każ biss ta' bżonn ta' tiswija u manutenzjoni. L-arja tal-bejt hija ta' terzi u tista' tinbena minn sidha, b'dan illi f'tali eventwalità s-servizzi jitqiegħdu fuq il-bejt il-ġdid a spejjeż is-sid u dana kif deskritt aħjar fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar tat-tmienja u għoxrin ta' Ottubru tas-sena elfejn u għaxra (28.10.2010).

L-imsemmi appartament jappartjeni fi ħmistax-il sehem minn sittax-il sehem (15/16) lil Ronald Galea KI 274072M u Sarah Galea KI 216373M filwaqt is-sehem rimanenti ta' wieħed minn sittax-il sehem (1/16) intiret mill-istess Sarah Galea.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa 30 ta' Ottubru, 2024.

MARVIC FARRUGIA
Għar- Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

Authority, one solar water heater, and if there is not enough space for the solar water heater for every apartment, the first preference is to the owner of the roof with the right of access in case for repair and maintenance only. The airspace belongs to third party property and can be built only by its owner, with this eventuality the services must be installed on the new roof at the owner's expense, and this is as better described in the acts of Notary Pierre Cassar dated twenty eighth of October of the year two thousand and ten (28.10.2010).

The said apartment belongs in fifteen shares out of sixteen shares (15/16) to Ronald Galea ID 274072M and Sarah Galea ID 216373M while the remaining share of one out of sixteen shares (1/16) was inherited by Sarah Galea.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday 30th October, 2024.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2919

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla, fit-12 ta' Novembru, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat Nru: 846/2024DC, li ġie ppreżentat fil-31 ta' Lulju, 2024, fl-ismijiet: Pace ġià Sammut Jennifer vs Cutajar Emanuel, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrent s-somma ta' disgħa u għoxrin elf ewro, sitt mija, u ħamsa u sittin ewro (€29,665), fi żmien qasir u perentorju. Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax legali kontra l-intimat li hu inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-21 ta' Jannar, 2025, fis-1.00 p.m.

Notifika Intimat: Cutajar Emanuel. 96, Opal Court, Flat 2, Triq ta' Gidwet, Marsascala.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 4 ta' Diċembru 2024

CARMEL ABELA. M.SC. IN MANAGEMENT, DPA; DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 12th November, 2024, in the records of Sworn Application No: 846/2024DC, which was filed on the 31st July, 2024, in the names: Pace ġià Sammut Jennifer vs Cutajar Emanuel, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap.12, for the purpose of service of the respondent. The applicant asked this Honourable Court to, among others: Condemn the respondent to pay the applicant the sum of twenty nine thousand euros, six hundred and sixty five euros (€29,665), within a short and peremptory period. With all costs and legal interest against the respondent who is summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 21st January, 2025, at 1.00 p.m.

Notify Respondent: Cutajar Emanuel. 96, Opal Court, Flat 2, Gidwet Street, Marsascala.

Registry of the Superior Courts, today, 4th December 2024.

CARMEL ABELA. M.SC. IN MANAGEMENT. DPA; DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2920

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-7 ta' Ottubru, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat Nru: 453/2024MS, li ġie ppreżentat fis-26 ta' April, 2024, fl-

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 7th October, 2024, in the records of Sworn Application No: 453/2024MS, which was filed on the 26th

ismijiet: Cini Stephen et vs Zammit Brian, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kap.12, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-intimat iħallas is-somma ta' sebgħa u għoxrin elf ewro (€27,000). Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax legali kontra l-intimat li huma nġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-30 ta' Jannar, 2025, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat: Zammit Brian. 35A, Sqaq l-Ajru, Ħaż Żabbar

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 4 ta' Diċembru, 2024

CARMEL ABELA. M.SC. IN MANAGEMENT, DPA; DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

April, 2024, in the names: Cini Stephen et vs Zammit Brian, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap.12, for the purpose of service of the respondent. The applicants asked this Honourable Court to, among others: Condemn the respondent to pay the sum of twenty seven thousand euros (€27,000). With all costs and legal interest against the respondent who is summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 30th January, 2025, at 9.30 a.m.

Notify Respondent: Zammit Brian. 35A, Sqaq L-Ajru, Ħaż-Żabbar

Registry of the Superior Courts, today, 4th December, 2024.

CARMEL ABELA. M.SC. IN MANAGEMENT, DPA; DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2921

Permezz ta' digriet mogħti fl-1 ta' Novembru, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3512/2024, fl-ismijiet Carmel Sciberras vs Abd Abdulaziz, il-Bord li jirregola l-kera ordna s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Ahd Abdulaziz a tenur tal-artikolu 187(3) tal-Kap 12.

Fil-Bord li jirregola l-kera

Illum 1 ta' Awwissu, 2024

Lil Ahd Abdulaziz (Ref Com 17610) ta' 18, Triq it-Turetta, Santa Venera.

Permezz tal-preżenti Carmel Sciberras (KI 650058M) jagħmillek referenza għall-kuntratt ta' kera datat 1 ta' Novembru, 2022, rigward il-fond proprjetà tal-mittenti li fih tirrisjedi inti b'titolu ta' kiri li jġib l-indirizz 18, Triq it-Turetta, Santa Venera.

Illi dritt ninformak li int inqast milli tħallas il-kera dovuta u qiegħed moruż għal xhur twal fis-somma ta' €7,800 kif obbligat tħallas skont klawżola numru 1 tal-kuntratt ta' kera msemmi.

Illi in oltre inti inqast li tħallas is-somma ta' €3,222.09 rappreżentanti kontijiet ta' servizzi għad-dawl u l-ilma għall-perjodu tad-29 ta' Mejju, 2024, u dan bi ksur ta' klawżola numru 5 tal-istess kuntratt ta' kera imsemmi.

Illi għalhekk il-pendenza globali dovuta minnek lill-mittenti hija ta' €11,022.09 u minkejja li ġejt bosta drabi interpellat inti bqajt inadempjenti li tħallas u tirregola ruħek.

By means of a decree given on the 1st November, 2024, in the records of the judicial letter number 3512/2024, in the names Carmel Sciberras vs Ahd Abdulaziz, the Rent Regulation Board ordered the following publication in terms of Article 187(3) of Chapter 12 for the purpose of effecting service on the respondent Abd Abdulazziz.

In the Rent Regulation Board

Today 1st August, 2024

To Ahd Abdulaziz (Ref Com 17610) of 18, Triq it-Turetta, Santa Venera.

By means of this present Carmel Sciberras (ID 650058M) makes reference to the lease agreement dated 1st November, 2022, regarding the premises owned by the interpellant in which you reside by title of lease bearing address 18, Triq it-Turetta, Santa Venera.

That you are right to inform you that you failed to pay the rent due and you are late for long months in the sum of €7,800 as you are obliged to pay according to clause number 1 of the lease agreement mentioned.

That furthermore you failed to pay the sum of €3,222.09 representing utility bills water and electricity for the period till the 29th May, 2024, and this in violation of clause number 5 of the same lease agreement mentioned.

That thus the total amount due by you to the interpellant is of €11,022.09 and although you were called upon several times you remained in default to pay and regulate yourself.

Illi l-mittenti jieħu l-opportunità sabiex jinformak li minkejja li interpellat bosta drabi sabiex tieħu ħsieb l-istess fond bħala bonus pater familias u kif ukoll sabiex ma tiżgombrax l-arja tal-bitħa interna tal-fond sottopost proprjetà ta' terzi, dawn l-istess terzi ilmentaw mal-mittenti li inti bqajt tħalli diversi oġġetti u affarijiet li jostakolaw id-dħul tal-arja u d-dawl fuq il-bitħa interna tal-fond sottopost proprjetà ta' terzi. In oltre, l-istess proprjetarji tal-fond sottopost qegħdin jilmentaw li soffrew ħsarat u danni minħabba ingress tal-ilma. Għalhekk bil-preżenti l-mittenti qiegħed iżommok għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi responsabbli għad-danni jekk ikun il-każ.

Għaldaqstant, il-mittenti qiegħed bil-preżenti, ai termini tal-Artikolu 1570 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll għall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi, jinterpellak għall-aħħar darba sabiex tiżgombra l-arja tal-bitħa interna tal-fond sottopost u kif ukoll sabiex tħallas is-somma kollha dovuta minnek f'kirjiet u servizzi kif indikat suespost fi ħmistax (15) il-jum minn notifika lilek tal-istess u kemm il-darba tibqa' inadempjenti ser jittieħdu l-proċeduri opportuni kontra tiegħek flimkien b'mandati opportuni inkluż dawk ta' żgumbrament.

Tant sabiex tagħraf timxi u tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 11 ta' Diċembru, 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

That the interpellant takes the opportunity to inform you that despite having solicited several times to take care of the same premises as bonus pater familias as well as not to vacate the airspace of the internal yard of the premises underlying property of third parties, these same third parties complained with the interpellant that you continued to leave various objects and things which obstruct the entry of air and light on the internal yard of the premises underlying property of third parties. Furthermore, the same owners of the underlying premises are complaining that they suffered damages due to water ingress. Thus with the present the interpellant is holding you for all intents and purposes of law responsible for damages if it be the case.

Thus, the interpellant is presently, in terms of Article 1570 of Chapter 16 of the Laws of Malta, as well as for all intents and purposes of law, solicits you for the last time to vacate the airspace of the internal yard of the underlying premises as well as to pay all the amount due by you in rents and services as indicated above within fifteen (15) days from notification to you of the same and as long as you remain in default the opportune procedures shall be taken against you together with the opportune warrants including those of eviction.

So much so that you may know how to proceed and regulate yourself.

With costs.

Registry of the Superior Courts, today 11th December, 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2922

Permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Ottubru, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3684/2024, fl-ismijiet 35°14° Capital SCC plc vs Jonathan De Demenico et, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Jonathan De Domenico u Charlene De Domenico a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Illum 9 ta' Awwissu, 2024

Lil: Jonathan De Domenico (K.I 539077M) u Charlene De Domenico (K.I 609981M)

4, Triq Il-Wilġa, Marsaxlokk

Permezz tal-preżenti ittra uffiċjali, is-soċjetà 35°14° Capital SCC p.l.c. (C-105417) li qed taġixxi għan-nom ta'

By means of a decree of the 8th October, 2024, in the records of the judicial letter number 3684/2024, in the names 35°14° Capital SCC plc vs Jonathan De Domenico et the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondents Jonathan De Domenico and Charlene De Domenico in terms of Article 187(3) et sequitur of Chapter 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 9th August, 2024

To: Jonathan De Domenico (ID 539077M) and Charlene De Domenico (ID 609981M)

4, Triq Il-Wilġa, Marsaxlokk

By means of this present, the company 35 ° 14 ° Capital SCC p.l.c. (C-105417) acting on behalf of Cell Couros, of

Cell Couros, ta' 19, Conservatory Street, Floriana, FRN 1521, Malta, tinterpellakom sabiex fi żmien jumejn (2) mid-data tan-notifika ta' din l-ittra uffiċjali tħallsu l-ammont ta' mitejn u tlett elef, ħames mija, tmienja u sebgħin Euro sitta u sebgħin ċenteżmu (€203,578.76) rappreżentanti l-valur ta' kambjala (1) waħda dovuta minnkom, oltrè l-imgħax mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv. Kopja tal-kambjala in kwistjoni qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. A'.

Fin-nuqqas li intom tonqsu milli tħallsu l-ammont surreferit, il-mittenti mhux ser ikollha ebda għażla oħra għajr illi tgħaddi għall-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv tagħha inkluż bil-ħruġ tal-mandati kontra tagħkom.

Għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi intom qegħdin tiġu infurmati illi a tenur tal-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta għandkom id-dritt li topponu għall-eżekuzzjoni ta' din il-kambjala billi tippreżentaw r-rikors opportun skont il-Liġi fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika ta' dan l-Att.

Din l-ittra uffiċjali qiegħda tintbagħat sabiex il-mittenti trendi eżegwibbli l-kambjala in kwistjoni ai termini l-artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 11 ta' Diċembru, 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

19, Conservatory Street, Floriana, FRN 1521, Malta, solicits you so that within two (2) days from the date of service of this judicial letter you pay the amount of two hundred and three thousand, five hundred and seventy eight Euro seventy six cents (€203,578.76) representing the value of one bill of exchange (1) due by you, besides interest from the due date till the date of effective payment. A copy of the bill of exchange in question is hereby attached and marked as "Doc. A".

In default that you fail to pay the amount above mentioned, the interpellant shall have no alternative but to proceed to the execution of its executive title including the issuing of warrants against you.

For all intents and purposes of law you are being informed that in terms of Article 253 (e) of Cap. 12 of the Laws of Malta you have the right to oppose the execution of this bill of exchange by filing the opportune application according to Law within twenty (20) days from the date of service of this Act.

This judicial letter is being sent so that the interpellant renders executable the bill of exchange in question in terms of Article 256 (2) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

With costs.

Registry of the Superior Courts, today 11th December, 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2923

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-23 ta' Novembru, 2023, fuq talba ta' Josepha Anna sive Josianne Borg et ġie ordnat biex jintagħżlu kuraturi deputati sabiex jippreżentaw lid-direttarji mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru 2428/2023 fl-ismijiet Josepha Anna sive Josianne Borg et vs kuraturi deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti:

Permezz ta' ċedola ta' depositu u kontestwali fidi ta' ċens numru 2428/2023 fl-ismijiet Josepha Anna sive Josianne Borg, miżżewġa, bint Calcidon Farrugia u Irene Farrugia nee Bugeja, imwielda l-Pietà fis-27 ta' Ġunju, 1973, u residenti Birkirkara (KI 380273M), Ralph Farrugia, iben Calcidon Farrugia u Irene Farrugia nee Bugeja, imwieled Londra, fl-Ingilterra fit-12 ta' Marzu, 1966, u residenti Fgura (KI 467083M), Manuela Giuseppa sive Emma Camilleri, miżżewġa, bint Calcidon Farrugia u Irene Farrugia nee Bugeja, imwielda Londra, fl-Ingilterra fl-4 ta' Novembru, 1967, u residenti Ħal Qormi (KI 273684M), Agostino Farrugia, miżżewweġ, iben Raphael Farrugia u Josephine Farrugia nee Muscat, imwieled Ħal Qormi fit-12 ta' Ottubru,

By means of a decree given by this Court on the 23rd November, 2023, following a request by Josepha Anna sive Josianne Borg et it was ordered that deputy curators be nominated to represent the unknown direct owners in the records of the schedule of deposit number 2428/2023 in the names Josepha Anna sive Josianne Borg et vs deputy curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent, number 2428/2023 in the names of Josepha Anna sive Josianne Borg, married, daughter of Calcidon Farrugia and Irene Farrugia nee Bugeja, born in Pieta on the 27th June, 1973, and residing in Birkirkara (ID 380273M), Ralph Farrugia, son of Calcidon Farrugia and Irene Farrugia nee Bugeja, born in London, England on the 12th March, 1966, and residing in Fgura (ID 467083M), Manuela Giuseppa sive Emma Camilleri, married, daughter of Calcidon Farrugia and Irene Farrugia nee Bugeja, born in London, England on the 4th November, 1967, and residing in Ħal Qormi (ID 273684M), Agostino Farrugia, married, son of Raphael Farrugia and Josephine Farrugia nee Muscat, born in Ħal

1941, u residenti l-Ingilterra (Passaport numru MT028655), Sebastian Farrugia, miżżewweġ, iben Raphael Farrugia u Josephine Farrugia nee Muscat, residenti l-Ingilterra; Dolores Cardina, miżżewwġa, bint Raphael Farrugia u Josephine Farrugia nee Muscat, residenti l-Awstralja (Passaport Awstraljan numru PA9889580), Ralph Farrugia, miżżewweġ iben Carmel Joseph Geroge Farrugia u Doreen Farrugia nee Bell, imwieled Londra, l-Ingilterra fid-29 ta' Dicembru, 1965, u residenti l-Ingilterra (Passaport Ingliz numru 557572652), Dolores Joanna Boyne, legalment separata, bint Carmel Joseph George Farrugia u Doreen Farrugia nee Bell, imwielda Londra, l-Ingilterra fil-25 ta' Jannar, 1969, u residenti l-Ingilterra (Passaport Ingliz numru 554474599), Jacqueline Connie Josephine Jones, legalment divorzjata, bint Carmel Joseph George Farrugia u Doreen Farrugia nee Bell, imwielda Londra, l-Ingilterra fis-27 ta' April, 1964, residenti l-Ingilterra (Passaport Ingliz numru 528644136), Joseph Anthony John Farrugia, mhux miżżewweġ, bin Carmel Joseph George Farrugia u Doreen Farrugia nee Bell imwieled f'Londra, l-Ingilterra fit-30 ta' Mejju, 1971, u residenti l-Ingilterra (Passaport Ingliz 530864183), James George Farrugia, legalment separat, iben Tony Farrugia u Claudia Farrugia nee Pickett, imwieled Melbourne, l-Awstralja fil-31 ta' Awwissu, 1966, u residenti l-Awstralja (Passaport Awstraljan numru N4398065), Joseph Sebastian Farrugia, miżżewweġ, bin Tony Farrugia u Claudia Farrugia nee Pickett, imwieled l-Awstralja fl-10 ta' Ottubru, 1967, u residenti l-Awstralja (Passaport Awstralian numru N1937087), Wayne Anthony Farrugia, iben Tony Farrugia u Claudia Farrugia nee Pickett, imwieled l-Awstralja fit-22 ta' Frar, 1964, u residenti l-Awstralja (Passaport Awstraljan numru PA 9495809), Cettina Rose Houston, legalment separata minn Paul Houston, bint Tony Farrugia u Claudia Farrugia nee Pickett, imwielda fl-Awstralja u residenti Awstralja (Passaport Awstraljan numru N7975580) u Tereza Ivy O'Donnell, legalment separata, bint Tony Farrugia u Claudia Farrugia nee Pickett, imwielda Melbourne, Awstralja u residenti Awstralja (Passaport Awstraljan numru PA8679517) vs kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw lid-direttarji mhux magħrufa, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Novembru, 2023, fejn Josepha Anna sive Josianne Borg et esponew bir-rispett:

Illi l-esponenti jipposjedu l-fond urban numru 10 u l-garaxx numru 11 Cannon Road, Ħal Qormi, soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' €2.33 ekwivalenti għal Lm1 kif muri fuq is-site plan hawn annessa u mmarkta Dok. A u dan kif aħjar deskritt fl-att tal-akkwist tan-Nutar Dottor Antoine Agius tat-18 ta' Awwissu, 1994, Dok. B. Dan il-fond intiret mingħand iz-zija tagħhom Maria-Concetta Farrugia hekk kif hija mietet xebba, in parole u intestata fl-14 ta' Awwissu, 2017, u dan hekk kif muri fuq iċ-ċertifikat tal-mewt, riċerka testamentarja pubblika u riċerka testamentarja sigrieta hawn annessi u mmarkati Dok. C, D u E.

Qormi on the 12th October, 1941, and residing in England (Maltese Passport number MT028655), Sebastian Farrugia, married, son of Raphael Farrugia and Josephine Farrugia nee Muscat, residing in England; Dolores Cardina, married, daughter of Raphael Farrugia and Josephine Farrugia nee Muscat, residing in Australia (Australian Passport number PA9889580), Ralph Farrugia, married son of Carmel Joseph Geroge Farrugia and Doreen Farrugia nee Bell, born in London, England on the 29th December, 1965, and residing in England (UK Passport number 557572652), Dolores Joanna Boyne, legally seperated, daughter of Carmel Joseph George Farrugia and Doreen Farrugia nee Bell, born in Londra, England on the 25th January, 1969, and residing in England (UK Passport number 554474599), Jacqueline Connie Josephine Jones, legally divorced, daughter of Carmel Joseph George Farrugia and Doreen Farrugia nee Bell, born in London, England on the 27th April, 1964, residing in England (UK Passport number 528644136), Joseph Anthony John Farrugia, not married, son of Carmel Joseph George Farrugia and Doreen Farrugia nee Bell born in London, England on the 30th May, 1971, and residing in England (UK Passport 530864183), James George Farrugia, legally seperated, son of Tony Farrugia and Claudia Farrugia nee Pickett, born in Melbourne Australia on the 31st August, 1966, and residing in Australia (Australian Passport number N4398065), Joseph Sebastian Farrugia, married, son of Tony Farrugia and Claudia Farrugia nee Pickett, born in Australia on the 10th October, 1967, and residing in Australia (Australian Passport number N1937087), Wayne Anthony Farrugia, son of Tony Farrugia and Claudia Farrugia nee Pickett, born in Australia on the 22nd February, 1964, and residing in Australia (Australian Passport number PA 9495809), Cettina Rose Houston, legally seperated from Paul Houston, daughter of Tony Farrugia and Claudia Farrugia nee Pickett, born in Australia and residing in Australia (Australian Passport number N7975580) and Tereza Ivy O'Donnell, legally seperated, daughter of Tony Farrugia and Claudia Farrugia nee Pickett, born in Melbourne, Australia and residing in Australia (Australian Passport number PA8679517) vs deputy curators to represent the unknown direct owners filed in the First Hall of the Civil Court on the 14th November, 2023, the applicant Josepha Anna sive Josianne Borg et respectfully submitted:

That the applicants own the urban premises number 10 and garage number 11 Cannon Road, Ħal Qormi, subject to the annual and perpetual groundrent of €2.33 equivalent to Lm1 as shown on the site plan here attached and marked Doc. A and this as better described in the deed of acquisition of Notary Doctor Antoine Agius dated 18th August, 1994, Doc. B. This premises was inherited from their aunt Maria-Concetta Farrugia as she died unmarried, in parole and intestate on the 14th August, 2017, as shown on the death certificate, public testamentary searches and secret testamentary searches hereby attached and marked Doc. C, D and E.

Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà mogħtija lilhom bl-artikolu 1501 tal-Kodici Ċivili u jifdu dan l-istess ċens u illi għalhekk jammonta għal €46.60.

Għaldaqstant l-esponenti qegħdin umilment jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha jgħaddu sabiex jiddepositaw l-ammont globali ta' €60.58 rappreżentanti €46.60 prezz ta' fidi ta' dan ċ-ċens perpetwu gravanti l-immobbli fuq imsemmija €11.65 arretrati ta' ħames (5) snin ċens u €2.33 ħlas ta' lawdemju biex jiġi mogħti liberament lis-sidien wara li titħalla d-debita riċevuta.

Esponenti: Samui, Triq B Bontadini, Birkirkara.

Notifika: Direttur tar-Reġistru Pubbliku – 34, Triq l-Arċisqof, Valletta.

Kuraturi deputati.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijem f'dan ir-Registru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor Imħallef Anna Felice LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 23 ta' Novembru, 2023.

Registru tal-Qrati Superjuri, illum 11 ta' Diċembru, 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali.

That the applicants wish to avail themselves of the faculty given to them by Article 1501 of the Civil Code and redeem this same groundrent and thus amounts to €46.60.

Thus the applicants are humbly calling upon this Honourable Court and under its authority pass on to deposit the global amount of €60.58 representing €46.60 price of redemption of this perpetual groundrent regarding the immovable above mentioned €11.65 arrears of five (5) years groundrent and €2.33 payment of laudemium to be freely given to the owners after leaving the due receipt.

Applicants: Samui, Triq B Bontadini, Birkirkara.

Notification: Director Public Registry, Triq l-Arcisqof, Valletta.

Deputy curators.

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Anna Felice LL.D. Doctor of Laws.

Today 23rd November, 2023

Registry of the Superior Courts, today 11th December, 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2924

B'digriet mogħti minn din il-Qorti, fit-12 ta' Novembru, 2024, fuq talba ta' Frankie Gauci et ġie ordnat biex jintagħżlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredi mhux magħrufa ta' Jessica Grace Gauci, fl-atti tar-Rikors numru 1131/2024AD, fl-ismijiet Frankie Gauci et vs kuraturi deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors, ippreżentat, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Frankie Gauci (KI 410475M), Grace Gauci

By means of a decree given by this Court, on the 12th November, 2024, following a request of Frankie Gauci et it was ordered that deputy curators be chosen to represent the unknown heirs of Jessica Grace Gauci, in the records of the Application 1131/2024AD, in the names Frankie Gauci et vs deputy curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of an Application, filed in the First Hall Civil Court, in the names Frankie Gauci (ID 410475M),

(KI 888850M), Daniel Gauci (KI 365573M), Antoinette Debono (KI 315876M), Pauline Paris (KI 17763M), John Mary Gauci (KI 425258M), Raymond Gauci (KI 633054M) f'ismu proprio u għan-nom u in rappresentanza tal-assenti Lorna Winifred Ashley, Victor Parnis, Paul Parnis, Helen Prattern, Michelle Kim Parnis, Michael John Parnis, Loretta Frances Gauci, Suzanne Gauci, Lydia Gauci Cardona, Frankie Gauci (KI 0542151M) u Theresa Fenech (KI 0322039M) vs Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw lill-eredi mhux magħrufa ta' Jessic Grace Gauci armla ta' Charles Gauci assenti minn dawn il-gżejjer, ippreżentat fit-23 ta' Ottubru, 2024, ir-rikorrenti Frankie Gauci (KI 410475M), Grace Gauci (KI 888850M), Daniel Gauci (KI 365573M), Antoinette Debono (KI 315876M), Pauline Paris (KI 17763M), John Mary Gauci (KI 425258M), Raymond Gauci (KI 633054M) f'ismu proprio u għan-nom u in rappresentanza tal-assenti Lorna Winifred Ashley, Victor Parnis, Paul Parnis, Helen Prattern, Michelle Kim Parnis, Michael John Parnis, Loretta Frances Gauci, Suzanne Gauci u Lydia Gauci Cardona, Frankie Gauci (KI 0542151M) u Theresa Fenech (KI 0322039M) talbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

i. Tawtorizza u tordna li jsir il-bejgħ fil-qies tal-valur tal-ishma tal-komproprjetarji rispettivi tad-dar numru 17, Corpus Christi, Triq Zenqa, in-Naxxar bil-prezz globali ta' €410,000 u skont it-termini u kondizzjonijiet stipulati fil-konvenju datat 4 ta' Lulju, 2024.

